# QORTI CIVILI – PRIM’AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru: 599/08MH**

**Illum 26 ta’ Settembru, 2016**

1. **Mario u Isabelle konjugi Sultana bil-kati tal-identita’ rispettivi 424458 (M) u 274262 (M)**
2. **Charles sive Carmel u Bernardette konjugi Bellia bil-karti tal-identita’ rispettivi 910051 (M) u 587059 (M)**
3. **Saviour u Josephine konjugi Agius bil-karti tal-identita’ rispettivi 300666 (M) u 236465 (M)**
4. **Edward u Victoria konjugi Bugeja bil-karti tal-identita’ rispettivi 602860 (M) u 622461 (M)**
5. **Alfred u Tessie konjugi Bonavia bil-karti tal-identita’ rispettivi 372333 (M) u 687646 (M)**
6. **Carl u Victoria konjugi Vella bil-karti tal-identita’ rispettivi 249264 (M) u 493564 (M)**
7. **David Borg bil-karta ta’ l-identita’ 454369 (M)**

**vs**

1. **Maria Camilleri bil-karta ta’ l-identita’ numru 618663 (M)**
2. **Maria Camilleri 618663 (M) bhala kuratrici ta’ binha inabilitat, Alan Camilleri I.D 228689 (M) *qua* eredi tal-mejjet Paul Camilleri, u**
3. **Dr. Patrick Valentino u l-PL Veronica Rossignaud li b’ digriet tat-18 ta’ Lulju 2008 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eventwali eredita’ gjacenti tal-mejjet Paul Camilleri.**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors guramentat tal-atturi** tad-9 ta' Gunju 2008 permezz ta' liema gie premess:

1. ***"Illi l-atturi huma ilkoll sidien rispettivi ta` diversi fondi residenzjali fi Triq Hal Dghejf gewwa in-Naxxar hekk kif deskritt iktar `l quddiem f'dan ir-Rikors Guramentat.***

2. ***Illi nhar it-12 ta` Marzu, 2008, sehhet spluzjoni qawwija fi triq Hal Dghejf gewwa in-Naxxar liema spluzjoni sehhet bhala rizultat ta` manifatturar illegali u abbuziv ta` loghob tan-nar u/jew splussiv iehor minn Paul Camilleri, li miet fl-istess spluzjoni, u liema manifatturar kien qed isir f'garage adjacenti mar-residenza privata tal-mejjet u martu, il-konvenuta Maria Camilleri, liema residenza ggib l-isem "Frott il-Gharaq" fi Triq Hal Dghejf, In-Naxxar.***

3. ***Illi bhala rizultat ta` l-imsemmija spluzjoni, l-atturi f'din il-kawza sofrew hsarat strutturali, uhud gravissimi, fil-proprjetajiet rispettivi taghhom kif huwa spjegat ahjar fid-dikjarazzjonijiet guramentati rispettivi taghhom, ir-rapporti peritali annessi ma dan ir-rikors, u kif ser jigi ppruvat ahjar tul il-mori ta` din il-kawza;***

4. ***Illi minbarra l-hsarat strutturali sofferti mill-atturi fil-proprjetajiet immobbli rispettivi taghhom, l-atturi sofrew ukoll danni ikkawzati lill-propjeta` mobbli taghhom li kienet tinsab fl-imsemmija abitazzjonijiet fil-mument tal-ispluzjoni de quo.***

5. *Illi kif ser jigi ippruvat ampjament tul il-mori ta` din il-kawza, l-ispluzjoni de quo sehhet bhala rizultat ta` agir negligenti, illegali u abbuziv da parti tal-mejjet Paul Camilleri meta kien qieghed illegalment jahzen u jimmanifattura loghob tan-nar f' garage adjacenti mar-residenza privata tieghu u l-konvenuta martu.*

6. *Illi l-konvenuta Maria Camilleri proprio hija wkoll responsabbli solidalment mad-defunt zewggha, meta xjentement u bin-negligenza taghha ikkontribwiet ghal hsara li garrbu kull wiehed u wahda mill-atturi b'dan illi halliet li jinzamm u/jew jinhadem materjal esplosiv fil-garage adjacenti mar-residenza privata taghha.*

7. *Illi premezz ta` digriet moghti mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili nhar l-20 ta` Mejju, 2008, fil-proceduri fl-ismijiet Mario Sultana et vs Maria Camilleri pro et, Mandat ta` Inibizzjoni Numru 391/08AL, l-intimata personalment, kif ukoll l-intimat binha, bhala eredi ta` missieru Paul Camilleri, gew inibiti milli jittrasferixxu kwalsiasi proprjeta` immobbli, u dan sabiex jigu ikkawtelati d-drittijiet tar-rikorrenti.*

8. *Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati ufficjlament sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u konsegwenti hlas tad-danni kollha sofferti mill-atturi, dawn baqghu inadempjenti.*

*Ghaldaqstant jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna;*

*<u>Talbiet maghmula minn Mario u Isabelle konjugi Sultana bil-karti tal-identita` rispettivi 424458 (m) u 274262 (m);</u>*

1. ***Tiddikjara u Tiddeciedi illi l-mejjet Paul Camilleri huwa responsabbli ghad-danni kollha sofferti minn Mario u Isabelle konjugi Sultana fir-residenza taghhom bl-isem "Rioella", Triq Hal-Dghejf, Naxxar, u l-proprjeta` mobbli kontenuta fl-istess abitazzjoni, liema danni sehhew bhala rizultat ta` immanifatturar illegali u abbuziv ta` loghob tan-nar u/jew splussiv iehor, mid-defunt Paul Camilleri;***

2. ***Tiddikjara u Tiddeciedi illi Maria Camilleri proprio hija wkoll responsabbli solidalment mad-defunt zewggha, meta xjentement u bin-negligenza taghha ikkontribwiet ghal hsara li garrbu l-atturi Mario u Isabelle Sultana b'dan illi halliet li jinzamm u/jew jinhadem materjal esplosiv fil-garage adjacenti mar-residenza privata taghha.***

3. ***Tillikwida, okkorrendo bil-hatra ta` periti nominandi, d-danni strutturali kollha sofferti minn Mario u Isabelle konjugi Sutlana fl-abitazzjoni bl-isem "Rioella", Triq Hal-Dghejf, Naxxar;***

4. ***Tillikwida, okkorrendo bil-hatra ta` periti nominandi, d-danni kollha ikkagunati lil-proprjeta` mobbli ta` Mario u Isabelle konjugi Sultana u liema mobbli kienu jinsabu fl-abitazzjonijiet "Rioella", Triq Hal-Dghejf, Naxxar, fil-mument tal-ispluzjoni de quo.***

5. ***Tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom ihallsu lil-atturi Mario u Isabelle konjugi Sultana s-somma hekk likwidata ai termini tat-tielet u r-raba` talbiet.***

***<u>Talbiet maghmula minn Charles sive Carmel u Bernadette konjugi Bellia bil-karti tal-identita` rispettivi 910051 (m) u 587059 (m);</u>***

1. ***Tiddikjara u Tiddeciedi illi l-mejjet Paul Camilleri huwa responsabbli ghad-danni kollha sofferti minn Charles sive Carmel u Bernadette fir-residenza taghhom 18 u l-garage numru 20 fi Triq Hal-Dghejf, Naxxar, u l-proprjeta` mobbli kontenuta fl-istess abitazzjoni, bhala rizultat ta` immanifatturar illegali u abbuziv ta` loghob tan-nar u/jew splussiv iehor mid-defunt Paul Camilleri.***

2. ***Tiddikjara u Tiddeciedi illi Maria Camilleri proprio hija wkoll responsabbli solidalment mad-defunt zewgha, meta xjentement u bin-negligenza taghha ikkontribwiet ghal hsara li garrbu l-atturi Carmel u Berndatte kojugi Bellia b'dan illi halliet li jinzamm u/jew jinhadem materjal esplosiv fil-garage adjacenti mar-residenza privata taghha.***

3. ***Tillikwida, okkorrendo bil-hatra ta` periti nominandi, d-danni strutturali kollha sofferti minn Carmel u Bernadette konjugi Bellia fl-abitazzjoni bl-isem 18 u l-garage numru 20 fi Triq Hal-Dghejf, Naxxar.***

4. ***Tillikwida, okkorrendo bil-hatra ta` periti nominandi, d-danni kollha ikkagunati lil-proprjeta` mobbli ta` Carmel u Bernadette konjugi Bellia u liema mobbli kienu jinsabu fl-abitazzjonijiet 18 u l-garage numru 20 fi Triq Hal-Dghejf, Naxxar, fil-mument tal-ispluzjoni de quo.***

5. ***Tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom ihallsu lil-atturi Carmel u Bernadette konjugi Bellia s-somma hekk likwidata ai termini tat-tielet u r-raba` talbiet.***

***<u>Talbiet maghmula minn Edward u Victoria konjugi Bugeja bil-karti tal-identita` rispettivi 602860 (m) u 622461 (m);</u>***

1. ***Tiddikjara u Tiddeciedi illi l-mejjet Paul Camilleri huwa responsabbli ghad-danni kollha sofferti minn Edward u Victoria konjugi Bugeja fir-residenza taghhom 27, 'Hacienda' u l-garage adjacenti, fi Triq Hal-Dghejf, Naxxar, u l-proprjeta` mobbli kontenuta fl-istess abitazzjoni, bhala rizultat ta` immanifatturar illegali u abbuziv ta` loghob tan-nar u/jew splussiv iehor mid-defunt Paul Camilleri.***

2. ***Tiddikjara u Tiddeciedi illi Maria Camilleri proprio hija wkoll responsabbli solidalment mad-defunt zewggha, meta xjentement u bin-negligenza taghha ikkontribwiet ghal hsara li garrbu l-atturi Edward u Victoria Bugeja b'dan illi halliet li jinzamm u/jew jinhadem materjal esplosiv fil-garage adjacenti mar-residenza privata taghha.***

3. ***Tillikwida, okkorrendo bil-hatra ta` periti nominandi, d-danni strutturali kollha sofferti minn Edward u Victoria konjugi Bugeja fl-abitazzjoni 27, 'Hacienda' u l-garage adjacenti fi Triq Hal-Dghejf, Naxxar.***

4. ***Tillikwida, okkorrendo bil-hatra ta` periti nominandi, d-danni kollha ikkagunati lil-proprjeta` mobbli ta` Edward u Victoria konjugi Bugeja, u liema mobbli kienu jinsabu fir-residenza taghhom 27, 'Hacienda' u l-garage adjacenti fi Triq Hal-Dghejf, Naxxar, fil-mument tal-ispluzjoni de quo.***

5. ***Tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom ihallsu lil-atturi Edward u Victoria konjugi Bugeja s-somma hekk likwidata ai termini tat-tielet u r-raba` talbiet.***

***<u>Talbiet maghmula minn Saviour u Josephine konjugi Agius bil-karti tal-identita` rispettivi 300666 (m) u 236465 (m);</u>***

1. ***Tiddikjara u Tiddeciedi illi l-mejjet Paul Camilleri huwa responsabbli ghad-danni kollha sofferti minn Saviour u Josephine konjugi Agius, fir-residenza taghhom 22, Triq Hal Dghejf, Naxxar, u l-proprjeta` mobbli kontenuta fl-istess abitazzjoni, bhala rizultat ta` immanifatturar illegali u abbuziv ta` loghob tan-nar u/jew splussiv iehor mid-defunt Paul Camilleri.***

2. ***Tiddikjara u Tiddeciedi illi Maria Camilleri proprio hija wkoll responsabbli solidalment mad-defunt zewggha, meta xjentement u bin-negligenza taghha ikkontribwiet ghal hsara li garrbu l-atturi Saviour u Josephine konjugi Agius b'dan illi halliet li jinzamm u/jew jinhadem materjal esplosiv fil-garage adjacenti mar-residenza privata taghha.***

3. ***Tillikwida, okkorrendo bil-hatra ta` periti nominandi, d-danni strutturali kollha sofferti minn Saviour u Josephine konjugi Agius, fl-abitazzjoni 22, fi Triq Hal-Dghejf, Naxxar.***

4. ***Tillikwida, okkorrendo bil-hatra ta` periti nominandi, d-danni kollha ikkagunati lil-proprjeta` mobbli ta` Saviour u Josephine konjugi Agius, u liema mobbli kienu jinsabu fir-residenza taghhom 22, fi Triq Hal-Dghejf, Naxxar, fil-mument tal-ispluzjoni de quo.***

5. *Tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom ihallsu lil-atturi Saviour u Josephine konjugi Agius s-somma hekk likwidata ai termini tat-tielet u r-raba` talbiet.*

***Talbiet maghmula minn Alfred u Tessie konjugi Bonavia bil-karti tal-identita` rispettivi 372333 (m) u 687646 (m);***

1. *Tiddikjara u Tiddeciedi illi l-mejjet Paul Camilleri huwa responsabbli ghad-danni kollha sofferti minn Alfred u Tessie konjugi Bonavia, fir-residenza taghhom "Tranquility" fi Triq Hal Dghejf, Naxxar, u l-proprjeta` mobbli kontenuta fl-istess abitazzjoni, bhala rizultat ta` immanifatturar illegali u abbuziv ta` loghob tan-nar u/jew splussiv iehor mid-defunt Paul Camilleri.*

2. *Tiddikjara u Tiddeciedi illi Maria Camilleri proprio responsabbli solidalment mad-defunt zewggha, meta xjentement u bin-negligenza taghha ikkontribwiet ghal hsara li garrbu l-atturi Alfred u Tessie konjugi Bonavia b'dan illi halliet li jinzamm u/jew jinhadem materjal esplosiv fil-garage adjacenti mar-residenza privata taghha.*

3. *Tillikwida, okkorrendo bil-hatra ta` periti nominandi, d-danni strutturali kollha sofferti minn Alfred u Tessie konjugi Bonavia, fl-abitazzjoni taghhom "Tranquility", fi Triq Hal-Dghejf, Naxxar.*

4. *Tillikwida, okkorrendo bil-hatra ta` periti nominandi, d-danni kollha ikkagunati lil-proprjeta` mobbli ta` Alfred u Tessie konjugi Bonavia u liema mobbli kienu jinsabu fir-residenza taghhom "Tranquility", fi Triq Hal-Dghejf, Naxxar, fil-mument tal-ispluzjoni de quo.*

5. *Tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom ihallsu lil-atturi Alfred u Tessie konjugi Bonavia s-somma hekk likwidata ai termini tat-tielet u r-raba` talbiet.*

***<u>Talbiet maghmula minn Carl u Victoria konjugi Vella bil-karti tal-identita` rispettivi 249264 (m) u 493564 (m);</u>***

1. *Tiddikjara u Tiddeciedi illi l-mejjet Paul Camilleri huwa responsabbli ghad-danni kollha sofferti minn Carl u Victoria konjugi Vella, fir-residenzi taghhom 24 u 26, 'Velcarvic', fi Triq Hal Dghejf, Naxxar, u l-proprjeta` mobbli kontenuta fl-istess abitazzjoni, bhala rizultat ta` immanifatturar illegali u abbuziv ta` loghob tan-nar u/jew splussiv iehor mid-defunt Paul Camilleri.*

2. *Tiddikjara u Tiddeciedi illi Maria Camilleri proprio responsabbli solidalment mad-defunt zewggha, meta xjentement u bin-negligenza taghha ikkontribwiet ghal hsara li garrbu l-atturi Carl u Victoria konjugi Vella b'dan illi halliet li jinzamm u/jew jinhadem materjal esplosiv fil-garage adjacenti mar-residenza privata taghha.*

3. *Tillikwida, okkorrendo bil-hatra ta` periti nominandi, d-danni strutturali kollha sofferti minn Carl u Victoria konjugi Vella, fl-abitazzjoni taghhom 24 u 26, 'Velcarvic', fi Triq Hal-Dghejf, Naxxar.*

4. *Tillikwida, okkorrendo bil-hatra ta` periti nominandi, d-danni kollha ikkagunati lil-proprjeta` mobbli ta` Carl u Victoria konjugi Vella, u*

*liema mobbli kienu jinsabu fir-residenza taghhom 24 u 26, 'Velcarvic', fi Triq Hal-Dghejf, Naxxar, fil-mument tal-ispluzjoni de quo.*

5. *Tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom ihallsu lil-atturi Carl u Victoria konjugi Vella s-somma hekk likwidata ai termini tat-tielet u r-raba` talbiet.*

***<u>Talbiet maghmula minn David Borg bil-karta tal-identita` numru 454369 (m);</u>***

1. *Tiddikjara u Tiddeciedi illi l-mejjet Paul Camilleri huwa responsabbli ghad-danni kollha sofferti minn David Borg, fir-residenzi tieghu numru 2, 'Sawasdee' u l-fond numru 10, fi Triq Hal Dghejf, Naxxar, u l-proprjeta` mobbli kontenuta fl-istess abitazzjoni, bhala rizultat ta` immanifatturar illegali u abbuziv ta` loghob tan-nar u/jew splussiv iehor mid-defunt Paul Camilleri;*

2. *Tiddikjara u Tiddeciedi illi Maria Camilleri proprio responsabbli solidalment mad-defunt zewggha, meta xjentement u bin-negligenza taghha ikkontribwiet ghal hsara li garrab l-attur David Borg b'dan illi halliet li jinzamm u/jew jinhadem materjal esplosiv fil-garage adjacenti mar-residenza privata taghha.*

3. *Tillikwida, okkorrendo bil-hatra ta` periti nominandi, d-danni strutturali kollha sofferti minn David Borg, fl-abitazzjoni tieghu numru 2, 'Sawasdee' u l-fond numru 10, fi Triq Hal-Dghejf, Naxxar.*

4. ***Tillikwida, okkorrendo bil-hatra ta` periti nominandi, d-danni kollha ikkagunati lil-proprjeta` mobbli ta` David Borg, u liema mobbli kienu jinsabu fir-residenza 2, 'Sawasdee', u numru 10, fi Triq Hal-Dghejf, Naxxar, fil-mument tal-ispluzjoni de quo.***

5. ***Tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom ihallsu lil-attur David Borg is-somma hekk likwidata ai termini tat-tielet u r-raba` talbiet.***

***Bl-ispejjez inkluz tal-prezenti, tal-ittra ufficjali datata it-18 ta` April, 2008, tal-Mandat ta` Inibizzjoni Numru 391/08AL, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv. Il-konvenuti huma minn issa ingunti in subizzjoni."***

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati[1], il-lista tax-xhieda[2] u d-dokumenti[3] annessi mar-rikors guramentat.

Rat **ir-risposta guramentata tal-konvenuti Maria Camilleri f' isimha proprju I.D. 618663 (M) u bhala kuratrici ta' binha Alan Camilleri I.D. 228689 (M)** tat-30 ta' Gunju 2008[4] permezz ta' liema eccepew:

1. ***"Illi Alan Camilleri mhux il-legittimu kontradittur f' dawn il-proceduri stante li rrinunzja ghall-wirt ta' missieru Paul Camilleri li allegatament ikkawza d-danni sofferti mir-rikorrenti.***

2. ***Illi Maria Camilleri wkoll irrinunzjat ghall-wirt ta' zewgha Paul Camilleri wara r-rinunzja ta' binha Alan ghall-wirt ta' missieru u***

[1] Fol 7 sa 14
[2] Fol 15 u 16
[3] Fol 18 sa 52
[4] Fol 60

***ghalhekk in kwantu ghall-gid ta' Paul Camilleri hi mhix il-legittima kontraditrici.***

3. ***Illi Maria Camilleri mhix responsabbli ghal kull agir illegali li allegatament ikkommetta zewgha u li kien il-kawza tal-allegati danni sofferti mir-rikorrenti stante li ma kellha ebda konjizzjoni ta' dan l-allegat agir illegali jew b' xi mod setghet ikkontribwiet b' negligenza jew mod iehor ghad-dannu allegatament soffert mir-rikorrenti. Kwindi hi mhix responsabbli ghal kwalsiasi danni li jistghu semmai jigu likwidati favur tar-rikorrenti, b' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u zewgha Paul Camilleri, kif ukoll bl-assi parafernali taghha u dan a terminu tal-artikolu 1327 (f) et sequitur tal-Kodici Civili.***

4. ***Illi konsegwentement il-mandat ta' inibizzjoni numru 1605/08 ghandu jigi mnehhi fil-konfront ta' Maria Camilleri safejn jirrigwarda sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti.***

5. ***Illi fil-mertu r-rikorrenti jridu jippruvaw it-talba taghhom u ness legali u fattwali bejn l-agir ta' Paul Camilleri u konsegwenti dannu subit minnhom.***

6. ***Illi fil-mertu wkoll ir-rikorrenti jridu jipprovaw it-titolu taghhom ghall-fondi u mobbli appartenenti lilhom u d-dannu subit."***

Rat il-lista tax-xhieda[5] u d-dokumenti annessi mar-risposta guramentata[6].

[5] Fol 61
[6] Fol 63 sa 76

Rat **ir-risposta guramentata tal-konvenuti Dr. Patrick Valentino u l-P.L. Veronica Rossignaud** tat-28 t'Awissu 2008[7] fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi deputati permezz ta' liema eccepew:

*"Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero jirriservaw illi jippresentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern."*

Rat in-Noti ta' cessjoni tal-atturi l-konjugi Alfred u Theresa Bonavia[8], David Borg[9] u tal-konjugi Mario u Isabelle Sultana[10] li permezz taghhom cedew it-talbiet taghhom f'din il-kawza minghajr pregudizzju ghat-talbiet tal-atturi l-ohra;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda u l-affidavits prezentati mill-partijiet;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi;

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat;**

Il-kawza odjerna giet istitwita minn numru ta' sidien ta' fondi residenzjali sitwati fi Triq Hal Dejghf in-Naxxar in segwitu ghal spluzjoni qawwija li sehhet fl-istess triq nhar it-12 ta' Marzu 2008 b'rizultat ta' allegat manifatturar illegali u abbuziv ta` loghob tan-nar u/jew splussiv iehor minn Paul Camilleri, li miet fl-istess spluzjoni. L-atturi jghidu li tali manifatturar kien qed isir f'garaxx adjacenti mar-residenza privata tal-mejjet u martu, il-konvenuta Maria Camilleri

[7] Fol 138
[8] Fol 425
[9] Fol 426
[10] Fol 427

fl-istess triq. B'effett dirett tal-imsemmija spluzjoni, l-atturi sofrew diversi hsarat strutturali fil-proprjetajiet rispettivi taghhom kif ukoll hsarat fil-propjeta` mobbli li kienu jinsabu gewwa l-imsemmija abitazzjonijiet fil-mument meta sehhet l-ispluzjoni in kwistjoni.

L-atturi jsostnu li l-konvenuta Maria Camilleri f'isimha hija wkoll responsabbli solidalment mal-mejjet zewgha, meta xjentement u bin-negligenza taghha ikkontribwiet ghal hsara li garrbu kull wiehed u wahda mill-atturi b'dan illi halliet li jinzamm u/jew jinhadem materjal esplosiv fil-garaxx adjacenti mar-residenza privata taghha.

L-atturi qeghdin jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara li r-responsabilta' ghad-danni kollha sofferti minnhom fil-proprjetajiet mobbli u mmobbli taghhom kawza ta' din l-ispluzjoni hija tal-mejjet Paul Camilleri, kif ukoll li martu Maria Camilleri tigi dikjarata solidalment responsabbli mieghu. Huma qeghdin jitolbu wkoll il-likwidazzjoni u l-kundanna ghal hlas tad-danni kollha kawzati kontra l-konvenuti solidalment bejniethom.

Minn naha l-ohra l-konvenuti qeghdin jilqghu ghal din l-azzjoni b'eccezzjonijiet primarjament ta' natura legali, senjatament li l-konvenut Alan Camilleri mhuwhiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tal-atturi peress li huwa rrinunzja ghall-wirt ta' missieru Paul; kif ukoll li l-konvenuta Maria Camilleri ukoll irrinunzjat ghall-wirt ta' zewgha b'dana ghalhekk li hija wkoll ma kinitx il-legittima kontradittrici ghal dak li jolqot il-gid tal-istess zewgha. Fil-mertu, Maria Camilleri nsistiet li hija m'hijiex responsabbli ghall-allegat agir illegali ta' zewgha u ghalhekk ma tirrispondix ghal danni peress li hija ma kellha ebda konoxxenza ghal dan l-allegat agir illegali u lanqas ikkontribwiet ghalih b'negligenza da parti taghha.

## Ikkounsidrat

Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex taghmel valutazzjoni tal-provi prodotti thoss li ghandha taghmel is-segwenti kummenti dwar dak li nghad fin-nota tal-konvenuta dwar it-talba ta' rikuza taghha n kwantu hija kienet il-Magsitrat Inkwerenti li kkonduciet l-inkjesta rigwardanti l-ispluzzjoni gewwa Hal-Dghejff li wasslet ghad-danni mertu tal-kawza.  Din il-Qorti kif preseduta ngabet a konjizzjoni ta' dan mill-avukati tal-partijiet fl-ewwel seduta li hi hadet konjizzjoni tal-process. Ma saritlha ebda talba ufficjali ghar-rikuza taghha, dana kif jidher anke mill-verbal ta' l-istess seduta.[11] Jinghad ukoll illi l-Qorti wara li brevement semghet il-partijiet dwar dan, hadet id-decizzjoni li n kwantu Inkjesta Magisterjali hija ntiza biex tikkonserva l-*in genere* u ma tassal qatt ghal

[11] Fol 569

giudizzju finali, u kwalunkwe konklussjoni hemm milhugha hija dejjem a bazi ta' *prima facie,* allura ma kienetx prekluza bil-ligi mill-tkommpli tisma u tiddecidi l-istess kawza.[12]

**Dinamika tal-ispluzjoni tat-12 ta' Marzu 2008 u rizultanzi mill-inkjesta Magisterjali.**

Mill-atti tal-inkjesta Magisterjali konkluza fit-22 ta' Mejju 2009 esibita in atti[13] gie stabbilit li nhar it-12 ta' Marzu 2008 gewwa Triq Hal Dghejf in-Naxxar sehhet spluzjoni ghal habta tal-11am. Kif irrizulta mir-relazzjoni tal-espert nominat Profs. Alfred J. Vella, din l-ispluzjoni, li qerdet il-hajja ta' Paul Camilleri (ir-ragel tal-konvenuta) kif ukoll ta' Sina Sammut, gara taghhom, *"sehhet minhabba f'injezzjoni accidentali ta' materjal pirotekniku splussiv li kien jinsab fil-garaxx tad-dar ta' Camilleri*[14]*"*, u cioe' l-fond numru 23, Frott il-Gharaq, Triq Hal Dghejf, Naxxar. L-istess relazzjoni tal-Profs Vella stabbilit ukoll –

*"Illi d-debris li hareg mill-garaxx tal-ispluzjoni u oggetti ohra li nstabu mirduma fil-post fejn kien hemm il-garaxx fosthom it-tempijiet vojta, kontenituri ta' oxidizing agent u gharbiel, jindikaw li fil-garaxx kien hemm paraphernalia assocjata ma' xoghol ta' piroteknika u din kienet prova li l-ispluzjoni kienet dovuta ghal injezzjoni accidentali ta' ordinji piroteknici li kien hemm prezenti fil-post.*

*Illi fost l-ordinji li nharqu fl-ispluzjoni jidher li kien hemm stilel u dawn hallew evidenza cara mmarkata fuq hajt ta' bini adjacenti fuq wara tal-fond ta' Camilleri liema hajt baqa' shih u f'postu.*

*Illi kien eskluz li l-ispluzjoni setghet sehhet minn hruq ta' gass LPG li seta' llikja fir-residenza ta' Camilleri u dan fuq il-bazi tal-evidenza misjuba fuq il-post, inkluz dik ipprovduta mill-kundizzjoni tal-pozizzjoni tal-korp ta' Camilleri nnifsu.*

*Illi l-pick up Daihatsu DBI-072 proprjeta' ta' Camilleri kien mghobbi bi splussiv u b'ammont konsiderevoli ta' materjal iehor wzat fil-kompozizzjoni ta' splussiv imma li ma kienx ghadu mahdum f'ordinji piroteknici u li dan il-pick*

[12] Art 734(1)(d)(ii) tal-Kap 12. Ara App. 16/02/2016 Granata Maria Regina v. Il-Kummissraju ta' l-Artijiet ukoll P.A.(kost) 04/ 08/2016 Rosette Thake et. vs. L-Onor. Prim. Ministru et, ukoll P.A.(Kost) 29/07/2010 Ref. Kost. MaryAnne Busutill vs Tabib John Cassar et. 29/07/2010
[13] Fol 431
[14] Pagna 131 tal-proces verbal

*up sploda xi ftit minuti wara l-ewwel spluzjoni li kkawzat l-ikkrollar tal-bini u dan x'aktarx minhabba gmamar li waqghu fuqu b'rizultat tal-ewwel spluzjoni.*

*Il-fatt li nstabu zewg garaxxijiet ohra fl-istess triq li kien fihom kwantita' sostanzjali ta' affarijiet piroteknici u materjal pirotekniku iehor huwa ndikazzjoni mportanti illi l-garaxx ta' Paul Camilleri sata kien holqa f'katina ta' attivita' illegali ta' manifattura u stokkagg ta' materjal pirotekniku li probabbli li kien hemm stabbilita f'din il-lokalita' u x'aktarx f'postijiet ohra fin-Naxxar*[15]*."*

Fir-relazzjoni tal-espert nominat il-Maggur Jeffrey Curmi[16] huwa kkonkluda fost affarijiet ohra li:

1. Paul Camilleri kien midhla sew tal-loghob tan-nar u kien jirsisti hafna biex il-kazin "Peace" tan-Naxxar li kien jiffrekwenta jorganizza n-nar tal-festa;

2. Paul Camilleri kien licenzjat b'licenzja 'C' mill-Kummissarju tal-Pulizija, liema licenzja fi kliem il-Maggur *"tikkwalifikawh biss biex jahraq loghob tan-nar taht sorveljanza ta' persuna kwalifikata b'licenzja 'A'. Dan ifisser li din il-licenzja ma tikkwalifikahx biex:*

*Jimmanifattura loghob tan-nar (la ta' l-art u anqas ta' l-ajru) la f'kamra tan-nar legali wisq anqas f'zona abitata.*
*Izomm fil-proprjeta' tieghu loghob tan-nar, accessorji tal-loghob tan-nar, splussiv, accessorji ta' splussiv etc…*
*Izomm fil-proprjeta' tieghu "precursors" li jintuzaw ghal manifattura ta' splussiv ta' loghob tan-nar bhal Potassium Chlorate."*

3. L-ispluzjoni originat minn gol-garaxx ta' Paul Camilleri. Kif jispjega l-maggur, dan gie konstatat mill-"*bini stess li ggarraf, il-post fejn instab il-bieb tal-garaxx ta' Paul Camilleri, il-fethiet li nstabu fil-hajt ta' bejn il-garaxx ta' Mr Camilleri u l-proprjeta' tal-gar Mr Bugeja, il-post fejn instabu il-bicciet tal-gisem ta' Mr Camilleri, in-natura tal-feriti li garrab Mr Camilleri, il-post fejn instab il-vann ta' Mr Camilleri, il-hsarat fuq il-bibien tal-garaxxi tal-faccata, in-natura tal-"fragments" li nstabu, etc…"*.

4. Il-garaxx fejn saret l-ispluzjoni kien jintuza ghall-manifattura tal-loghob tan-nar. Kif ikompli jispjega l-maggur *"Dan juruh: l-ispluzjoni infisha, r-riha mal-wasla, il-hsejjes li baqghu jinstemghu ghal ftit hin wara l-ispluzjoni, il-*

[15] Pagni 133 u 134 tal-proces verbal
[16] Pagna 145 et seq tal-proces verbal

*materjal kollu li nstab fuq il-post ta' l-incident: gharbiel, spag, cilindri tal-gass, kanni, tankijiet tal-Potassium Chlorate, "precursors", murtal splodut, etc..".*

5. Paul Camilleri kien qieghed jaghmel uzu minn materjal splussiv/accessorji ta' splussiv/murtali/bicciet tal-murtali (relatati ma' loghob tan-nar) gol-garaxx fejn sehhet l-ispluzjoni.

6. Il-feriti li garrab Camilleri juru li hu kien qieghed qrib sew tac-centru ta' l-ispluzjoni bi probabbilta' kbira li huwa kellu ammont ta' splussiv bejn jew vicin hafna ta' riglejh meta sehhet l-ispluzjoni.

7. Il-maggur kien tal-opinjoni li *"fil-garaxx fejn sehhet l-ispluzjoni, ma kienx hemm kwantitajiet kbar hafna u esagerati ta' splussiv/murtali. Raguni wahda hi li ma nstabux hafna murtali jew bicciet ta' murtali waqt il-"clearance operation". Raguni ohra hi li ghalkemm l-ispluzjoni kienet b'sahhitha bizzejjed biex twaqqa' tliet idjar, hafna mill-hsarat li dehru kienu rizultat ta' "earthshock" peress li l-ispluzjoni saret go ambjent maghluq, u ma dehrux effetti bhal meta jkun hemm ammonti kbar hafna ta' splussiv....L-esponent hu ta' l-opinjoni li l-ispluzjoni giet ikkawzata minn total ta' madwar 5-10kg ta' splussiv tal-berqa."*

8. Il-maggur ikkonstata wkoll li: *"Il-mod kif instabu l-garaxxijiet l-ohra, i.e. garaxx 6 u garaxx numru 80, u l-kontenut ta' go fihom, juri li Mr Camilleri kellu speci ta' fabbrika tan-nar fi Triq Hal Dghejf: Il-garaxx fejn sploda kien il-"workshop", garaxx 6 kien il-mahzen, filwaqt li garaxx numru 80 kien jintuza ghall-pressa. F'garaxx 6 kien hemm kwantita' ferm akbar ta' materjal splussiv, u li kellu potenzjal ferm akbar biex jaghmel hsara hafna akbar milli saret."*

## <u>Entita' tal-hsarat kawzati mill-ispluzjoni fir-residenzi tal-atturi</u>

Xehed **il-Perit Richard Aquilina** li kien wiehed mill-esperti nominati fl-inkjesta li kienet tmexxiet dwar din l-ispluzjoni[17]. Mill-kopja tar-relazzjoni li huwa kien hejja fl-atti tal-inkjesta Magisterjali u li kopja taghha giet prezentata minnu f'din il-kawza[18], huwa kien ikkonstata li:

[17] Seduta tat-30 ta' Settembru 2013 a fol 422
[18] Fol 431 et seq

*"Kienet saret spluzjoni gol-fond nru 23/25, Triq Hal Dghejf u meta nzamm l-ewwel access fuq il-post kien hemm nar qawwi go dan il-fond (23/25). Ic-centru ta' dan in-nar kien circa f'nofs dan il-fond. Bl-ispluzjoni dan il-fond, kif ukoll dak ta' fuq in-naha tal-lemin u dak ta' fuq ix-xellug spiccaw borg gebel filwaqt li l-fond Nru 31/33 ghalkemm baqa' wieqaf garrab hsara estensiva.*

*Fil-fond Nru 18, li jinsab faccata tal-fond Nru 23/25 kien hemm nar qawwi fil-Garage fejn kien hemm zewg karozzi, Fiat Punto u Mitsubishi Lancer, li kienu nharqu ghal kollox. In-nar go dan il-Garage kien qawwi hafna, fejn il-gebel u s-saqaf garrbu hsara kbira.*

*Oltre l-hsara estensiva f'dawn il-hames fondi, kien hemm hsarat ukoll f'ghadd ta' bini li jinsab go Triq Hal Dghejf, Triq Darnino u Triq il-21 ta' Settembru. Dan il-bini kollu garrab hsara bil-blast ta' l-ispluzjoni u f'xi whud minnhom il-hsara kienet konsiderevoli[19]."*

L-**Ispettur Nicolai Sant** li fl-epoka tal-incident kien l-Ispettur tal-Ghassa tan-Naxxar xehed[20] li b'rizultat tal-ispluzjoni li originat mill-fond numru 23, "Frott il-Gharaq" fi Triq Hal Dghejf in-Naxxar, *"kienu kkrollaw kemm in-numru 23 u kemm il-bini on the left u on the right. Kien hemm diversi hsarat strutturali prattikament it-triq kollha….Jiena kont mort on site. Kien hemm garaxx faccata li kien proprjeta' tas-Sur Camilleri l-mejjet u kien konness ma' diversi djar u fil-fatt niftakar li d-djar kollha tat-triq kellhom, min hgieg u min affarijiet strutturali u diversi hsarat kbar. Kien hemm dar faccata li qabdet kompletament u giet kwazi kompletament distrutta wkoll."*

Edward Bugeja, wiehed mill-atturi li qabel ma sehhet l-ispluzjoni mertu ta' din il-kawza kien jabita fil-fond numru 27, Triq Hal Dghejf in-Naxxar, xehed[21] li magenbu fuq naha wahda appogg mieghu kien hemm ir-residenza ta' Paul Camilleri u fuq in-naha l-ohra jmiss mieghu kien hemm il-fond tal-atturi l-konjugi Mario u Isabelle Sultana. F'rakkont dettaljat dwar dak li ghadda minnu meta gie mgharraf dwar l-ispluzjoni, huwa jghid li cemplitlu martu u qaltlu li darhom kienet giet *"borg gebel"*. Meta mar fuq il-post ra nar kbir jaqbad u xeni ta' ghajjat u twerziq bil-pulizija jimbuttaw lin-nies lura. Ra nar hiereg mid-dar tieghu. Ma rnexxilhom isalvaw xejn mill-proprjeta' taghhom hlief *safe* zghir li fih kellu xi flus. Fir-rigward tal-mobbli u l-affarijiet kollha kontenuti fid-dar,

[19] Fol 434
[20] Seduta tat-30 ta' Settembru 2013 a fol 423
[21] Seduta tat-3 t'April 2009 a fol 150 et seq

din il-familja tilfet kollox, inkluz xi affarijiet antiki ta' valur kbir derivanti minn wirt tal-genituri tieghu.

Il-perit espert Richard Aquilina imqabbad fl-inkjesta kien ikkonstata hekk dwar dan il-fond:

*"Dan il-fond instab imwaqqa' kollu, inkluz il-garage ta' go s-sotterren. Fin-naha ta' wara kien instab is-Safe fil-post li kien indika Edward Bugeja li kien prezenti waqt l-access[22]."*

Il-konjugi Bugeja stess ukoll prezentaw rapport peritali datat 15 ta' Marzu 2008[23] li kkonstata hekk:

*"The previous residence of Mr Edward Bugeja was located adjacent to the fireworks incident that occurred on the 12th March 2008. On that day, fireworks which were being stored in a garage exactly abutting my client's residence accidentally exploded with a disastrous effect to the adjacent neighbouring residences. As a consequence, the residence of Mr Edward Bugeja has been completely demolished and must be entirely re-constructed."*

Gew prezentati wkoll fotokopji ta' ritratti li juru l-istat tal-fond proprjeta' ta' dawn l-atturi ftit granet wara l-ispluzjoni[24]. Ir-rapport ta' dan il-perit jindika li qabel l-ispluzjoni din ir-residenza kienet tikkonsisti minn garaxx *semi-basement*, pjan terran u l-ewwel sular.

L-attrici **Victoria Vella** flimkien ma' zewgha Carl huma sidien tal-fondi 24 u 26, Triq Hal Dghejf, Naxxar li hija sitwata ezattament faccata tad-dar tal-atturi konjugi Bugeja (u li kif inghad kienu jghixu bieb ma' bieb mar-residenza tal-konvenuti Camilleri u l-mejjet Paul Camilleri). Hija xehdet[25] li ghalkemm l-ispluzjoni sehhet filghodu, huma ma thallewx jidhlu d-dar qabel xi d-disgha ta' bil-lejl u dan biss sabiex jiehdu xi hwejjeg u effetti personali akkumpanjati mill-

[22] Fol 441 – pagna 10 tar-rapport
[23] Fol 18 et seq
[24] Fol 21 u 22, Fol 404 sa 409
[25] Affidavit a fol 162 et seq

Pulizija. Fi kliem din l-attrici, *"Qabel dak il-mument, il-membri tal-Protezzjoni Civili ma kinux jafu jekk id-dar taghna kinitx sikura biex ahna nidhlu fiha."*

Dwar il-hsarat li din il-familja sofriet fir-residenza taghha, Vella kompliet tghid li bhala rizultat tal-ispluzjoni li sehhet u l-blast li kien hemm, huma sofrew kemm danni strutturali kif ukoll fi proprjeta' mobbli taghhom.

Fi spezzjoni li ghamel l-ghada tal-ispluzjoni, il-Perit Joseph Camilleri ta rendikont dettaljat tal-hsarat li huwa kkonstata fid-diversi livelli ta' din il-proprjeta' [26] u kkonkluda li *"pending clarifications on the structural state of the underlying garage (No.22) and the dangerous state of the party wall between garage (No.22) and garage (No.20 'Bel Cha Ben') which underlie the party wall belonging to 26, 'Velcarvic' and owner of property Nos 18, 20 'Bel Cha Ben', I consider this maisonette unfit for habitation until all the necessary structural and finishing repairs are carried out."* Dan apparti l-possibilta' ta' diversi difetti ohra latenti li jistghu jimmanisfestaw ruhhom fil-futur. Bil gurament?

L-istess perit indika li –

*"The repairs shall consist of cleaning, pointing and painting of this solitary maisonette including the main façade and front garden. It shall also consist of the replacing of damaged apertures including most external doors, windows, gates and glazing in general.*

*Serious structural damage may still be caused due to the necessary structural works that must be carried out on the underlying garage No 22 and adjacent house and garage at Nos. 18,20, 'Bel Cha Ben' also seriously damaged in the same explosion."*

L-attrici **Josephine Agius** flimkien ma' zewgha Saviour huma proprjetarji ta' garaxx nru 22 fi Triq Hal Dghejf, Naxxar li jinsab sitwat faccata tad-dar ta' Pawlu Camilleri u l-familja tieghu. Hija tghid[27] li l-ispluzjoni tant kienet qawwija li van tal-istess Camilleri li kien ipparkjat fit-triq ittajjar bl-ispluzjoni

[26] Rapport tal-Perit Joseph Camilleri a fol 50 sa 52
[27] Affidavit a fol 254 et seq

ghal fuq il-faccata tad-dar tal-girien ta' dawn l-atturi. B'rizultat tal-ispluzjoni, l-garaxx imsemmi tal-atturi sofra hsarat estensivi.

Jumejn wara l-incident hi u zewgha nkarigaw perit biex jispezzjona l-garaxx sabiex jikkonstata l-hsarat li sofrew u sabiex ihejji stima tad-danni. Fir-rapport tieghu tas-17 ta' Marzu 2008[28], il-perit Hector Zammit ta rendikont dettaljat tal-hsarat riskontrati fosthom fil-hajt tal-gnien ta' quddiem, il-bieb tal-azzar tal-garaxx, fil-gebel tal-faccata, il-hajt divizorju, il-*finishings* interni u esterni u materjal iehor stivat fil-garaxx kif ukoll is-servizzi tad-dawl u l-ilma. Fil-konkluzjoni tieghu il-perit qal li l-istruttura hija meqjusa perikoluza u l-access ghandu jkun limitat.

Ritratti esibiti in atti a fol 403 juru l-hsarat subiti f'din il-proprjeta'[29].

L-attur **Carmel Bellia** li flimkien ma' martu Bernardette huma sidien tal-fond *Bel-Cha-Ben* fi Triq Hal Dghejf, Naxxar, qal[30] li l-ghada tal-ispluzjoni kienet saret spezzjoni mill-Perit Hector Zammit li tah parir li l-fond tieghu jerga' jitwaqqa u jinbena mill-gdid minhabba l-hsarat enormi li kienu gew kawzati. Huma sofrew ukoll hsarat fil-karozzi, ghamara u effetti personali li kellhom fid-dar u fil-garaxx li gew distrutti kwazi ghal kollox.

Il-perit espert fl-inkjesta magisterjali kien ikkontata hekk dwar dan il-fond:

*"Fil-garage ta' dan il-fond kien hemm hruq estensiv fejn zewg karozzi, Fiat Punto u Mitsubishi Lancer inharqu ghal kollox u fejn parti kbira tal-gebel gie nkaljat, faqqa' u sfolja u dan ghalhekk irid jinbidel. Il-kolonna tan-naha ta' gewwa xpakkat u kien hemm qsim fis-saqaf. Fl-ewwel sular il-kmamar kollha kienu swiedu u kien hemm ghadd ta' konsenturi fil-hitan. Il-bieb ta' barra ta' dan il-fond kien tfarrak u l-bicciet tal-injam tieghu nfirxu ma' l-entrata. Il-poggaman tat-tarag kien miftuq u mxellef.*

[28] Fol 27 et seq - Dan ir-rapport gie mahluf bil-gurament mill-Perit fit-23 ta' Jannar 2012 (fol 270)
[29] Dok SA 1
[30] Affidavit a fol 275 et seq

*Ghalhekk, in vista tal-hsara estensiva fil-hitan, kolonna ta' gewwa u qsim fis-saqaf, dan is-sular ikollu jinhatt u jinbidel kollu. Biex isir dan ix-xoghol ikollu jinhatt ukoll is-sular ta' fuq*[31]*."*

Rapport redatt mill-perit Hector Zammit *ex parte* datat 17 ta' Marzu 2008[32] jaghti rendikont dettaljat tal-hsarat estensivi subiti f'din ir-residenza u garaxx (numru 18/20). Huwa ddikjara l-fond bhala perikoluz u mhux adattat ghall-abitazzjoni fl-istat li kien.

L-entita' tal-hsarat f'din il-proprjeta' giet ukoll murija f'sett ta' ritratti esibiti in atti minn fol 393 sa fol 402[33].

Finalment, gie prezentat ukoll CD li jikkontjeni xeni vizwali tal-entita' tat-tragedja f'din it-triq fin-Naxxar nhar it-12 ta' Marzu 2008[34].

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Stabbilit dan il-kwadru tal-fatti u provi mressqa, l-Qorti sejra tghaddi biex tqis it-talbiet tal-atturi u d-difiza tal-konvenuti.

**<u>L-ewwel talba tal-atturi – responsabilita' ta' Paul Camilleri</u>**

L-ewwel talba tal-atturi hija sabiex din il-Qorti tiddikjara li Paul Camilleri huwa responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi fir-residenzi rispettivi taghhom inkluz il-mobbli fl-istess residenzi u dan bhala rizultat ta' manifatturar illegali u abbuziv ta' loghob tan-nar u/jew splussiv iehor mid-defunt Paul Camilleri.

Irrizulta inekwivokabilment mir-rizultanzi fattwali fl-inkjesta Magisterjali li:

[31] Fol 451 – pagna 20 tar-rapport
[32] Fol 34 – Dan ir-rapport gie mahluf bil-gurament mill-Perit fit-23 ta' Jannar 2012 (fol 270)
[33] Dok CB1 sa Dok CB10. Pjanta ta' dan il-fond hija esibita a fol 479 tar-rapport tal-perit Richard Aquilina
[34] Dok CD 1 a fol 410

Paul Camilleri kien midhla sew tal-loghob tan-nar u kien jirsisti hafna biex il-Kazin li kien jiffrekwenta jorganizza n-nar tal-festa;

1. Il-garaxx fir-residenza ta' Paul Camilleri u l-familja tieghu kien jintuza ghall-manifattura tal-loghob tan-nar;

2. L-ispluzjoni li sehhet fit-12 ta' Marzu 2008 gewwa Triq Hal Dghejf in-Naxxar originat proprju minn dan il-garaxx;

3. Tali spluzjoni sehhet minhabba f'injezzjoni accidentali ta' materjal pirotekniku splussiv li kien jinsab f'dan l-istess garaxx;

9. Paul Camilleri mhux talli kien qieghed jaghmel uzu minn materjal splussiv/accessorji ta' splussiv/murtali/bicciet tal-murtali (relatati ma' loghob tan-nar) go dan il-garaxx fejn sehhet l-ispluzjoni izda mill-mod kif instabu garaxxijiet ohra tieghu fl-istess triq u l-kontenut tal-materjal gewwa fihom jista' jitqies li Paul Camilleri kien jopera fabbrika tan-nar;

10. Fil-mument ta' l-ispluzjoni Paul Camilleri kien jinsab gewwa l-garaxx u n-natura tal-feriti li garrab juru li hu kien qieghed qrib sew tac-centru ta' l-ispluzjoni;

11. Ghalkemm fil-mument tal-ispluzjoni ma jirrizultax li kien hemm kwantitajiet kbar hafna u ezagerati ta' splussivi/murtali, l-ispluzjoni xorta kienet b'sahhitha bizzejjed biex twaqqa' kompletament tlett idjar u tikkawza hsarat ta' entita' diversa fi propretajiet fl-akwati, b'dawk l-aktar vicin inkluz tal-faccata isofru l-akbar dannu;

12. Il-licenzja 'C' mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija lil Paul Camilleri, kienet tikkwalifikawh biss biex jahraq loghob tan-nar taht sorveljanza ta' persuna kwalifikata b'licenzja 'A'. Tali licenzja ghalhekk ma kinitx tikkwalifikah biex jimmanifattura xi tip ta' loghob tan-nar la f'kamra tan-nar legali u wisq anqas f'zona abitata. Lanqas seta' jzomm fil-proprjeta' tieghu loghob tan-nar, accessorji tal-loghob tan-nar, splussiv, accessorji ta' splussiv u sustanzi li jintuzaw ghal manifattura ta' splussiv ta' loghob tan-nar.

Ghaldaqstant minn dan kollu il-Qortu ma tista' tasal ghal ebda konkluzjoni ohra hlief li ssib li d-defunt Paul Camilleri permezz ta' attivita' shiha klandestina,

abbuziva u kontra l-ligi kien qieghed jimmanifattura u jzomm materjal splussiv f'zona residenzjali b'dana li *ad insaputa* taghhom, familji shah fi Triq Hal Dghejf inkluz l-atturi, gew esposti ghal riskju ta' mewt u hsarat kbar fil-proprjeta' taghhom, sitwazzjoni li sfortunatament avverat ruhha ghal numru ta' familji fit-12 ta' Marzu 2008.

Ghal dawn ir-ragunijiet, la gie ben pruvat in-ness bejn l-attivita' llegali ta' Paul Camilleri u l-konsegwenzi li rrizultaw mill-ispluzjoni in kwistjoni il-Qorti tghaddi biex tilqa' l-ewwel talba tal-atturi u ghall-istess ragunijiet tichad il-hames l-eccezzjoni tal-konvenuti.

In vista ta' dak appena deciz, ir-responsabilta' civili tal-eredita' tal-istess Paul Camilleri hija ndubitata.

**<u>It-tieni talba tal-atturi – responsabbilta' personali ta' Maria Camilleri</u>**

Fit-tieni talba taghhom l-atturi qeghdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tiddikjara illi l-konvenuta Maria Camilleri **personalment** hija wkoll responsabbli solidalment mad-defunt zewgha, meta xjentement u bin-negligenza taghha ikkontribwiet ghal hsara li garrbu l-atturi b'dan illi halliet li jinzamm u/jew jinhadem materjal esplosiv fil-garage adjacenti mar-residenza privata taghha.

Qabel ma tipprocedi ulterjorment bil-konsiderazzjonijiet taghha, il-Qorti thoss li ghandha tibda billi tosserva li fit-18 ta' Novembru 2012, u cioe' erba' snin wara li sehhet l-isplujzjoni in kwistjoni, gie rilaxxjat rapport psikjatriku *ex parte* mill-psikjatra Jean-Pierre Giorgio f dwar il-konvenuta Maria Camilleri[35]. Filwaqt li l-Qorti tiehu nota tal-konstatazzjonijiet u l-konkluzjonijiet hemm imsemmija, tqis li dak hemm misjub ma jirrendix lill-konvenuta bhala persuna mhix idonea biex tixhed u tassumi responsabbilta ta' dak li tkun qalet. Huwa suggerit biss mill-psikjatra taghha li f'kaz li hija tixhed fil-Qorti ikun fl-ahjar interess *taghha li tkun assistita possibilment mill-avukat taghha jew membru tal-familja "sabiex ikun hemm ic-certezza li s-Sinjura Camilleri tkun qeghda tifhem ghalfejn u tkun qeghda tifhem sewwa dak li tkun qed tigi mistoqsija"* u dan bil-ghan li jigi ridott ir-riskju li xi problemi ta' sahha mentali/dizabilita' ntelletwali ndikati fir-rapport jinfluwixxu fuq l-agir u t-twegibiet taghha meta tkun sottoposta ghal

[35] Esibit in atti a Fol 532

pressjoni. Ghandu ninghad ukoll illi l-istess konvenuta fl-affidavit taghha taghmel referenza ghal dan ir-rapport *ex parte*, ukoll illi l-itess psikjatra iffirma maghha fuq l-affidavit taghha ghal ghan minnha kkonfermat li l-affidavit sar minnha *" bil konsapevolezza u certezza ghal dak li jien qed nghid fih"* [36]

Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tqis li fix-xhieda taghha permezz tal-affidavit fl-atti tal-kawza odjerna, il-konvenuta tat xhieda dettaljata u elokwenti tal-verzjoni taghha il-konsapevolezza ta' liema giet anke certifikata mill-psikjatra taghha stess. Ukoll, fil-proceduri l-ohra civili kontra l-istess konvenuta li din il-Qorti sejra tikkwota, hija kienet debitament assistita minn avukat tal-fiducja taghha u ghalhekk dak kollu li qalet f'dawk il-proceduri kien xorta sar fil-parametri ta' dak suggerit eventwalment mill-psikjatra. Finalment, ghalkemm waqt ix-xhieda fl-inkjesta magisterjali l-konvenuta ma kinitx assistita minn avukat, dak li hija kienet qalet hemmhekk huwa sostanzjalment simili ghal dak li qieghed jinghad fil-kawza odjerna u fil-kawzi l-ohra civili. Ghalhekk din il-Qorti ma tara li hemm ebda riskju ta' pregudizzju ghad-drittijiet tal-konvenuta fil-kors tal-konsiderazzjonijiet li ser ikunu qeghdin isiru fil-kawza odjerna b'referenza ghax-xhieda taghha f'din il-kawza u fir-rigward tal-kawzi civili l-ohra u tal-inkjesta magisterjali li qeghdin u se jigu hawn kwotati.

Iccarat dan, mill-affidavit tal-konvenuta Camilleri[37] jirrizulta li hija zzewget lil Paul Camilleri circa wiehed u ghoxrin sena qabel ma sehhet l-ispluzjoni in dezamina. Matul dawn is-snin huma ghexu fil-fond numru 23, Triq Hal Dghejf. Naxxar bhala d-dar matrimonjali taghhom. Il-garaxx li fih sehhet l-ispluzjoni huwa anness mad-dar u jgib in-numru 25.

Minhabba dizabilita' li jbati minnha l-uniku wild ta' din il-koppja, Alan, il-konvenuta tghid li huma ma setghux jafdawh fl-ebda hin jew cirkustanza. Sabiex jevitaw li huwa jaljenahom u jidhol fil-garaxx bir-riskju li jwegga' mill-ghodda tal-mastrudaxxa u materjal iehor hi u zewgha ddecidew li jibda jissakkar il-bieb tal-kewba li minn naha tad-dar iwassal ghall-garaxx. Ic-cwievet kemm ta' dan il-bieb kif ukoll tal-garaxxijiet l-ohra proprjeta' taghhom kien izommhom zewgha u hi ma kellhiex kopja taghhom. Tghid ukoll li l-garaxx tad-dar u l-kamra ta' warajh, kien juzahom zewgha biss, u t-tindif taghhom u l-ikel ghall-kelba kien jiehu hsieb kollox hu. Hi ma kellhiex affarijiet taghha fihom.

[36] Fol 515
[37] Fol 511 et seq

Paul kien isakkar il-bieb li jaghti ghall-kamra li tinfed ghall-garaxx. Mhux l-ewwel darba li zewgha kien johrog mill-garaxx u jmur x'imkien iehor minghajr ma javzaha b'dana li meta kienet tmur tfittxu u thabbatlu minn wara l-bieb imsakkar tal-kewba huwa ma kienx jirrispondiha. Diversi drabi cemplet lill-ohtu biex ticcekkja jekk zewgha kienx qieghed jahdem fil-garaxx ta' hdejha. Hija tghid li din il-problema solvietha meta xtraw il-mobile ghax permezz tieghu kienet issibu kullimkien. Addirittura l-konvenuta tghid *"Tant sibtha tajba l-ideja li anke biex navzah ghall-ikel jew te' kont nuza l-SMS*[38]*."* Kompliet li minhabba li l-bieb tal-kewba kien jinzamm imsakkar huma kellhom ibatu diversi nkonvenjenti ohra li pero' adattaw ghalihom.

Ghalkemm il-konvenuta tirrikonoxxi li zewgha kien jarma f'postu g-giggifogu fil-pjazza tan-Naxxar ghall-festa, hija tghid li *"Qatt ma qalli jew tani x'nifhem li hu kien jahdem xi tip ta' nar tal-festa, la ta' l-art lanqas ta' l-ajru, ahseb u ara li jahdmu jew jistiva n-nar fil-garaxx ta' taht il-kamra tas-sodda taghna u tat-tifel. Jew f'xi garaxx iehor*[39]*."*

Tghid ukoll li meta kienu johorgu flimkien bhala familja u jaslu lura bil-vann, gieli kien jipparkjah fil-garaxx tad-dar u gieli f'garaxx iehor li minhabba c-cokon tieghu, hi u binha kien ikollhom johorgu mill-van qabel ma jdahhlu f'dan il-garaxx, imbaghad kienu jidhlu flimkien mill-garaxx tad-dar. Qatt m'ghaddielha minn rasha li hemm kienet ghaddejja xi attivita' llegali[40].

Immedjatament wara izda, l-konvenuta tghid li d-dhul taghha u ta' binha fid-dar matrimonjali kien mill-bieb principali tad-dar u mhux mill-garaxx. Anke meta zewgha kien ikun fil-garaxx tad-dar u kien ikollu bieba wahda miftuha hija xorta ma kinitx tidhol minn hemm izda mill-bieb principali tad-dar[41]. Il-ftit drabi li kienet iddahhal nies id-dar dejjem uzat il-bieb principali u qatt il-garaxx[42].

Dak li l-konvenuta odjerna xehdet fl-inkjesta Magisterjali huwa piu' o meno simili. Hija xehdet li *"l-bieb tal-garaxx kien jinzamm dejjem maghluq*

[38] Paragrafu 11 tal-affidavit fol. 512
[39] Paragrafu 18 tal-affidavit fol. 513
[40] Paragrafu 23 tal-affidavit fol. 514
[41] Paragrafu 24 tal-affidavit fol. 514
[42] Paragrafu 25 tal-affidavit. fol.514

*minhabba t-tifel li kien autistic, u hemm gew kien hemm xi magni li setghu* ***ikunu perikoluzi ghalih*[43]*”.* Qalet ukoll li barra dan il-garaxx kellhom tnejn ohra *“izda ma kinitx taf x’kien jaghmel fihom zewgha*[44]*.”* Xehdet ukoll li hija *“kienet ilha tghix f’dik id-dar ghal madwar 20 sena u li kellhom kelb li kien jinzamm fil-garaxx. Huma kienu jidhlu u johorgu mill-garaxx il-bicca l-kbira, pero’ hija kienet dejjem tohrog mill-bieb ta’ barra*[45]*.”* Hija ma kinitx taf twiegeb dwar min kien jidhol fil-garaxx u meta mistoqsija jekk kinitx taf li zewgha kien jahdem in-nar hija wiegbet fin-negattiv u li kienet taf biss li kien imur jghinhom. Meta giet mistoqsija kemm kien ilu jzomm in-nar fil-garaxxijiet, hija rrispondiet li qatt ma kienet rat nar u baqghet issostni din il-verzjoni minkejja giet mgharrfa li minn gol-garaxxijiet kienu nhargu zewg trakkijiet bil-materjal splussiv. Baqghet ukoll tinsisti li ma taf b’xejn u li qatt ma rat xejn minkejja li kienu jidhlu u johorgu bil-karozza minn gol-garaxx.[46] L-introjtu ta’ zewgha mill-impjieg tieghu ma’ kumpanija lokali kien wiehed normali u hija ma kinitx tahdem. Ghalkemm kien ghamel zmien jahdem ta’ mastrudaxxa part time huwa kien waqqaf dan ix-xoghol meta gie mharrek minhabba l-lostru. Finalment, *“mistoqsija jekk kinitx taf jekk zewgha kien jipproduci n-nar biex ibieghu, irrispondiet li hija ma kienet taf xejn, u lanqas ma kienet taf jekk qattx avvicinah xi hadd biex jaghmel xi negozju tan-nar mieghu*[47]*.”* F’seduta sussegwenti hija qalet li *“sabiex tikkomunika mar-ragel taghha kellha l-uzanza li kienet tibaghtlu SMS u tghidlu li l-ikel kien lest u ma kinitx tmur tghidlu personalment fil-garaxx*[48]*.”***

Ikkonsidrat

Ili huwa evidenti mill-verzjonijiet suesposti li l-konvenuta qeghda taghmel kull sforz biex tiddisassocja ruhha mill-konspevolezza dwar l-agir ta’ zewgha a tal-punt li l-istampa li ddeskriviet kien ta’ hajja mizzewga ghal wiehed u ghoxrin sena shah kwazi totalment separata minn dik ta’ zewgha, tant li skont hi bilkemm kienu jitkellmu, ma kinux jistaqsu jew jindahlu fl-affarijiet ta’ xulxin u ftit li xejn kienu jaghmlu affarijiet flimkien. Dan nonostante li hija stess kienet ammettiet li ma kienx hemm problem matrimonjali bejniethom hlief *“li kienu*

---

[43] Pagna 16 tal-Inkjesta
[44] Pagna 16
[45] Pagna 16a
[46] Fol 16a
[47] Pagna 17
[48] Pagna 101

*nqalghu xi problem minhabba binhom billi xtaqu jdahhluh **f'xi istituzzjoni fejn setghu jiehdu hsiebu huma**[49]**.***

Il-Qorti tfakkar li fil-kamp civili l-grad tal-prova huwa dak sal-probabilita'. Kif konfermat ripetutament mill-Qrati taghna, fosthom fil-kaz **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**[50]:

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti **lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili**[51]. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta`azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)".*

F'dawn ic-cirkustanzi kollha, meta tizen il-verzjonijiet tal-konvenuta fid-dawl tal-provi kollha mressqa f'din il-kawza, il-Qorti ssib li l-verzjoni tal-konvenuta li hija kienet kompletament aljena ghall-agir illegali ta' zewgha la hija probabli u ghalkollox inverosmili –

1. Anke jekk il-konvenuta u zewgha riedu li l-bieb li mid-dar iwassal ghall-garaxx kellu jinzamm imsakkar biex binhom ma jidholx fih halli ma jweggax bl-apparat u x-xoghol tal-injam ta' missieru, ma hemm ebda raguni logika il-ghala l-konvenuta nfisha ma kellux ikollha kopja tac-cavetta mizmuma f'post sikur ghall-access taghha fil-garaxx anness make darha.

2. Dan meta hi stess imbaghad tghid li meta kienu johorgu bhala familja, binha kien jidhol lura d-dar maghhom mill-garaxx, u dan kemm meta jipparkjaw fil-garaxx ta' mad-dar, kif ukoll fil-garaxx iz-zghir numru 6.

---

[49] Pagna 17
[50] Nru 153/1994 PS deciza fit-28 t'April 2003
[51] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti

3. Ukoll u bl-aktar mod kontradittorju, fl-istess nifs li l-konvenuta tenfasizza li hija wkoll ma kinitx tidhol fil-garaxx, hija stess imbaghad tammetti li meta kienu johorgu almenu bil-karozza hija kienet tidhol lura lejn id-dar mill-garaxx. Dan jikkonferma u jsahhah ix-xhieda tal-atturi, ta' terzi u sahansitra ta' familjari ta' zewgha li l-konvenuta mhux l-ewwel darba kienet tidhol u sahansitra tohrog mill-garaxx tad-dar:

Naraw li skont ix-xhieda tal-attrici Victoria Vella fl-affidavit taghha[52] hija kienet tinnota li biex jidhlu d-dar taghhom, Pawlu u Maria Camilleri kienu jidhlu mill-garaxx tar-residenza taghhom u mhux mill-bieb principali. In kontro-ezami hija nsistiet hekk:

*"Li nista' nghid huwa li lil Maria dejjem kont naraha diehla mill-garaxx, jew il-maggior parti ta' drabi diehla mill-bieb tal-garaxx. Mistoqsija x'hinijiet kienu jkunu meta kont nara lil Maria Camilleri diehla gol-garaxx u kemm il-darba rajtha diehla gol-garaxx: nghid li jiena nahdem u ma nkunx dejjem id-dar. Irrid inkun ninzerta diehla jew hierga mid-dar u naraha ovvjament diehla mill-bieb tal-garaxx.*

*Mistoqsija jekk jiena qattx rajt lil Maria iggorr xi affarijiet u iddahhalhom fil-garaxx: nghid illi qatt ma nzertajtha jew qatt ma tajt kaz.*

.....

*Qed nigi mistoqsija xi nghid ghal fatt li Maria Camilleri fil-fatt ma kellhiex cavetta tal-garaxx u jekk dahlet mill-bieb tal-garaxx dejjem dahlet ma' Pawlu Camilleri: nghid illi le, dan ma jistax ikun.*

*Qed nigi mistoqsija ghaliex: nghid li ghax gie li rajt lil Maria Camilleri wahedha diehla mill-bieb tal-garaxx.*

*Mistoqsija jekk qattx rajtha hierga mill-bieb tal-garaxx? Nghid illi iva wkoll[53]."*

[52] Fol 163
[53] Xhieda a fol 545 u 546

L-attrici Bernardette Bellia meta mistoqsija in kontro-ezami jekk qattx inzertat lil konvenuta u lil zewgha fil-garaxx wiegbet fl-affermattiv ukoll u qalet li jew kienet tarahom dehlin jew inkella hergin mill-garaxx[54]. Hija pero' qatt ma rat lill-konvenuta Maria jew lil Pawlu Camilleri jgorru xi nar b'idejhom[55] ghalkemm kemm hi kif ukoll zewgha Carmel Bellia it-tnejn ikkonfermaw li regolarment kienu jaraw lil Pawlu Camilleri diehel u hiereg mill-garaxx bil-vann[56].

L-attur Edward Bugeja in kontro-ezami ukoll ikkonferma li spiss kien jara lill-konvenuta diehla u hierga mill-garaxx tad-dar taghha u dan peress li t-tarag biex jidhol ghad-dar tieghu kien imiss mal-faccata tad-dar tal-konvenuta[57]. Dak li qal dan l-attur gie korroborat ukoll minn martu Victoria Bugeja li l-konvenuta Maria Camilleri *"ma tuzax il-bieb ta' barra, tidhol mill-garaxx kemm kemm tifthu u taghlaq tigri…u jekk xi hadd ihabbtilha l-bieb ta' barra ma jinfetahx, jew tirrispondi mit-tieqa minn fuq il-bqija*[58] *."*

Fl-Inkjesta Magisterjali, certu Joseph Buhagiar, persuna licenzjata sabiex jahraq in-nar, u li gie li kien mar ikellem lil Paul Camilleri d-dar, *"ikkonferma li gie li kien ra lil mart u iben Pawlu Camilleri fil-garaxx*[59]*."*

George Camilleri, hu Paul stess, ukoll jikkonferma li gieli ra lill-familja Camilleri diehla mill-bieb tal-garaxx[60]

**Huwa ghalhekk ghal kollox inverosimili, dejjem sal grad tal-prova mehtieg fil-kamp civil, illi qatt jista' jkun li l-konvenuta harget u dahlet tant drabi mill-garaxx ta' darha u qatt ma nnutat xejn!**

---

[54] Xhieda a fol 555 u 556
[55] Fol 558
[56] Fol 560 u fol 565
[57] Fol 492
[58] Fol 496
[59] Pagna 56 tal-Inkjesta
[60] Paragrafu 16 tal-affidavit tieghu a fol 518

4. Dan aktar u aktar meta jitqies li fil-garaxx tad-dar kien hemm hazna ta' nar u materjal u apparat konness man-nar li bil-fors li kien vizibbli almenu ghal min kien jidhol fih regolarment. L-istess Joseph Buhagiar ammetta li *"kien ra xi kanen wara l-bieb tal-garaxx ta' Pawlu Camilleri, u dawn kienu madwar tlieta.*[61]*."* Imbaghad meta jitqies li, kif ikkonstata l-Maggur Jeffrey Curmi[62], fuq il-post tal-incident instabu numru ta' oggetti relatati mal-loghob tan-nar fosthom: gharbiel, spag, cilindri tal-gass, kanni, tankijiet tal-*Potassium Chlorate, precursors* – kif jista' jkun li l-konvenuta qatt ma rat xejn u li trid titwemmen li ma kienet taf xejn?! Minn dan l-aspett ukoll ix-xhieda tal-familjari ta' Paul Camilleri ftit li xejn tista' tkun ta' ghajnuna ghat-tezi tal-konvenuta peress li f'kull kaz huma stess qalu li jew qatt ma kienu dahlu fil-garaxx tad-dar tal-konvenuta Camilleri jew kienu ilhom snin twal ma jidhlu fih.

5. Fl-Inkjesta Magisterjali, persuni terzi, fosthom l-membri tal-kazin "Peace" li tieghu Paul Camilleri kien membru, kollha kkonfermaw almenu l-konsapevolezza taghhom li huwa kien midhla sew tal-loghob tan-nar partikolarment tal-ajru, u certu Salvu Muscat, importatur, anke rrikonoxxa li kien jaf li Paul jimmanifattura n-nar[63]. Ghal darb' ohra l-Qorti tistaqsi kif jista' jkun li l-barranin jafu li Paul kien dilettant kbir tal-loghob tan-nar, imbaghad martu li tghix mieghu taht l-istess saqaf tippretendi li titwemmen li l-gharfien taghha kien limitat ghall-fatt li zewgha kien biss jarma f'postu g'giggifogu fil-pjazza tar-rahal[64]?!.

6. Hija wkoll altru milli nverosmili l-verzjoni li koppja mizzewga li tghix flimkien tikkomunika bejnietha minn parti tad-dar ghal ohra bl-SMS; dan aktar u aktar meta huwa ovvju li n-natura tax-xoghol li kien qieghed jinvolvi ruhu fih Paul Camilleri ma kienx jippermettilu li jzomm *mobile* mixghul u attiv fil-garaxx tad-dar. F'kull kaz, il-konvenuta ma gabet ebda prova ta' dawn l-allegati messaggi: SMSs

Fid-dawl tas-suespost kollu, din il-Qorti ghalhekk tikkondividi pjenament mal-konkluzjonijiet raggunti wkoll minn Qrati diversament preseduti fi proceduri ohra li ttiehdu kontra l-konvenuta. Il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-

[61] Pagna 56 tal-Inkjesta
[62] Pagni 146 u 147 tar-relazzjoni tieghu fl-inkjesta Magisterjali
[63] Pagna 64 tal-inkjesta
[64] Paragrafu 18 tal-affidavit a fol 513

sentenza taghha **MIB Insurance Brokers (Malta) Limited noe vs Maria Camilleri et**[65] **deciza fil-31 ta' Mejju 2011** ukoll ikkonfermat li –

*"Illi hawn qed nitkellmu dwar koppja li skond l-intimata stess kellhom relazzjoni tajba bejniethom u allura din il-Qorti thoss li fid-dawl tal-provi prodotti f'din il-kawza l-versjoni tal-intimata li ma kienitx taf b'dak li kien qed jaghmel b'mod illegali fl-istess garage zewgha, in konnessjoni mal-loghob tan-nar hija ghall kollox inverosimili u fl-opinjoni ta' din il-Qorti inveritiera, b'dan li din il-Qorti thoss li ghandha tghid li minn ezami tax-xhieda prodotti, l-istess intimata ma kienitx u mhux qed tghid il-verita', ghaliex din il-Qorti thoss li gie ppruvat b'mod mill-iktar konvincenti li l-konvenuta kienet taf bl-operat ta' zewgha, bid-delizzju tieghu, bix-xoghol tieghu fil-loghob tan-nar, u izjed u izjed b'dak li kien jaghmel zewgha fl-istess garage, b'dan li dan irrendi lilha wkoll responsabbli ghall-istess akkadut, ghaliex hija konsapevoli ta' dan kollu, u kull versjoni ohra lanqas biss hija plawsibbli, u dan qed jinghad bla ma l-Qorti kellha bzonn tirreferi ghar-rizultanzi tal-Inkjesta.*

*….*

*…din il-Qorti…. ma ghandha l-ebda ezitazzjoni sabiex tiddikjara f'din id-decizjoni li l-versjoni moghtija mill-intimata ma hijiex kredibbli, hija nverosimili, u addirittura din il-Qorti thoss li l-intimata ma hijiex qed tghid il-verita' u ma tistax ghall biss moment titwemmen, u rrizultat ta' dan huwa li l-konkluzzjoni li din il-Qorti tasal ghaliha mill-atti processwali hija li l-konvenuta appellanti kien taf b'dak kollu li kien qed jaghmel u jahzen in-nar tal-festa zewgha fl-istess garaxx u li fl-ahhar wassal sabiex ikkawza l-ispluzzjoni mertu ta' din il-kawza, u li swiet il-mewt ta' zewgt l-intimata, u l-hajja ta' persuna ohra innocenti apparti l-hsara kbira li giet ikkawzata fil-proprjeta' ta' terzi, inkluz dik mertu tal-kawza odjerna."*

Il-konvenuti jeccepixxu wkoll li Maria Camilleri mhijiex responsabbli ghad-danni b'sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u bejn zewgha, kif ukoll bl-assi parafernali taghha u dan a tenur tal-artikolu 1327 (f) et seq tal-Kodici Civili[66], liema eccezzjoni giet amplifikata fis-sottomissjonijiet finali taghha.

[65] Rik 3/2009
[66] It-tielet eccezzjoni fir-risposta guramentata tal-konvenuti

Il-Qorti tinnota li dan l-argument kien diga' tqajjem fi proceduri ohra kontra l-istess Maria Camilleri u gie, gustament fil-fehma taghha, rigettat *in toto* mill-Qrati. Kif tajjeb qalet din il-Qorti diversament preseduta fil-kaz **MIB Insurance Brokers (Malta) Limited noe vs Maria Camilleri et**[67] **deciza fil-11 ta' Ottubru 2011 –**

*"Il-kwistjoni f'din il-kawża essenzjalment hija jekk tweġibx ukoll martu l-konvenuta, kemm b'sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti u kemm bil-beni parafernali tagħha.*

*Il-materja hija regolata bl-art. 1327 et seqq. tal-Kodiċi Ċivili:*

***1327.** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 1329 il-beni li jkunu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jbatu biss id-djun li ġejjin:*

… … …

*(f) kull dejn jew indennizz dovut bħala rimedju ċivili minn xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bħala rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda.*

… … …

***1329.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, il-kredituri ta' parti fiż-żwieġ għal djun li ma tbatihomx il-komunjoni ta' l-akkwisti, sew jekk id-dejn ikun sar qabel iż-żwieġ jew wara, jistgħu, meta dawk il-kredituri ma jkunux jistgħu jissodisfaw it-talba tagħhom kontra l-beni parafernali ta' dik il-parti, jinforzaw it-talba tagħhom in subsidium kontra l-beni li jkunu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti iżda biss sal-valur li dik il-parti jkollha mill-komunjoni ta' l-akkwisti.*

… … …

***1330.** Meta l-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ma jkunux biżżejjed biex jitħallsu d-djun li jkunu piż fuqhom, il-kredituri ta' dik il-komunjoni jistgħu jinforzaw it-talba tagħhom in subsidium kontra l-beni parafernali tal-miżżewġin:*

*Iżda meta –*

[67] Cit Nru 928/08 GCD

*(a) id-dejn jew indennizz ikun dovut bħala rimedju ċivili dwar reat magħmul bir-rieda minn xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ; jew*

*(b) id-dejn jinħoloq mill-eżerċizzju ta' sengħa, negozju jew professjoni kif imsemmi fl-artikolu 1324;*

*il-kredituri ma jistgħux jinfurzaw it-talba tagħhom kontra l-beni parafernali tal-parti miżżewġa li ma tkunx hi li minħabba fiha nħolqot it-talba, iżda jistgħu f'dawn il-każijiet jinfurzaw it-talba tagħhom sal-limitu ta' kull parti li tibqa' ma titħallasx mill-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, kontra l-beni parafernali tal-parti li minħabba fiha nħolqot it-talba.*

*12. Li rridu naraw għalhekk huwa l-ewwelnett jekk dak li qegħdin ifittxu l-atturi huwiex "rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda". Jekk iva, il-konvenuta ma tweġibx b'sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti u bil-beni parafernali tagħha, iżda twieġeb jekk hi kellha sehem f'dak ir-reat.*

*13. L-argument tal-attriċi hi illi l-ħsara seħħet b'konsegwenza ta' "reat li sar bir-rieda" għax Paul Camilleri ħadem u ħażen sostanza esplożiva....Tkompli tgħid illi hija ma kienet taf xejn b'din l-attività illeċita ta' żewġha u għalhekk ma tistax titqies illi hija kienet b'xi mod kompliċi miegħu jew li kellha xi sehem fir-reat.*

*14. Fil-fehma tal-qorti, ir-rimedju li qegħdin ifittxu l-atturi ma huwiex rimedju dwar ir-reat ta' min jaħdem jew iżomm jew jaħżen in-nar, iżda rimedju dwar ir-reat ta' ħsara involontarja lill-proprjetà taħt l-art. 328 tal-Kodiċi Penali li tiegħu jkun ħati "kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jew jgħarraq xi ħaġa ". Dak li għamel "bir-rieda" Paul Camilleri ma kienx li jagħmel ħsara lill-proprjetà iżda li jaħdem u jżomm in-nar: ir-rimedju li qegħdin ifittxu l-atturi ma huwiex dwar ix-xogħol jew il-ħażna tan-nar iżda dwar il-ħsara lill-proprjetà.*

*15. Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, ladarba l-ħsara ma saritx "bir-rieda", ma taqax taħt l-art. 1327(f) tal-Kodiċi Ċivili u twieġeb għaliha l-komunjoni tal-akkwisti u in subsidium il-beni parafernali tal-miżżewġin Camilleri."*

F'konferma ta' dan ir-ragunament, fis-26 ta' Gunju 2015, il-Qorti tal-Appell f'dawk l-istess proceduri qalet hekk:

*"Din il-Qorti, wara li hasbet fuq il-punt, taqbel mal-ewwel Qorti li d-danni reklamati ma humiex konsegwenza diretta ta' reat li sar bir-rieda. Ir-ragel tal-konvenuta ma riedx li jkollu spluzjoni u ma riedx li jmutu n-nies u ssir hsara fil-proprjeta` adjacenti, u dak li sehh hu la riedu u lanqas xtaqu. Jista' jkun li, mill-att kriminali, il-mejjet zewgha kien ikun hati ta' qtil u/jew hsara involontarja, pero`, dan mhux reat "li jkun sar bir-rieda". Ir-ragel tal-konvenuta 'ried' jahzen u jahdem in-nar fil-fond tieghu, izda l-hsara li sehhet fil-proprjeta`, u li ghaliha s-socjeta` attrici qed titlob rimbors, hu 'ma riedux'. Hu ovvju li l-ligi inkwistjoni trid teskulpa lil parti l-ohra fiz-zwieg ghar-responsabbilta` ghall-hsara li l-parti wettqet volontarjament u ghalhekk uzat il-kliem "reat li sar bir-rieda". Dak li zewg il-konvenuta ghamel "bir-rieda" ma kienx il-hsara lill-proprjeta` ta' terzi, u darba hu hekk id-dejn civili li nholoq huwa indenniz li jimpingi fuq il-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi Camilleri, u in subsidium kontra l-beni parafernali tal-mizzewgin. Dan hu bizzejjed biex il-Qorti ssib favur it-tezi attrici."*

Ghall-istess ragunijiet moghtija mill-Qrati, din il-Qorti tqis li tali difiza tal-konvenuta ma tista qatt tregi.

L-artikolu 1031 tal-Kodici Civili invece huwa car:

***"1031.*** *Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu."*

Huwa evidenti li l-konvenuta Maria Camilleri ghandha personalment twiegeb solidalment mal-eredita' ta' zewgha Paul ghax hija hija baqghet passiva u inattiva u ma hadet ebda passi biex twaqqaf l-illegalitajiet kommessi minn zewgha. Dan kollu jirrendiha kompartecipi f'dawn l-istess illegalitajiet bil-

konsegwenzi kollha naxxenti minnhom. Il-fatt li hija rrinunzjat ghall-wirt ta' zewgha[68] huwa ghalhekk immaterjali u ma jaffetwax ir-responsabbilta' personali taghha ghall-akkadut.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tqis li t-tieni talba tal-atturi timmerita li tigi akkolta u ghall-istess ragunijiet, it-tieni, t-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-konvenuti ghandhom jigu rigettati.

**<u>Responsabbilta' ta' Maria Camilleri bhala kuratrici ta' binha inabilitat Alan Camilleri *qua* eredi ta' Paul Camilleri</u>**

Irrizulta bhala fatt illi l-uniku wild tal-koppja Camilleri, Alan, gie inabilitat mill-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) milli jaghmel dawk l-atti kollha li sew li mhumhiex ta' semplici amministrazzjoni skont l-artikolu 524 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jekk mhux bil-ghajnuna ta' ommu l-konvenuta Maria Camilleri li giet hekk nominata mill-istess Qorti bhala kuratrici tal-inabilitat biex tassistih[69].

Irrizulta wkoll li fit-30 ta' Mejju 2008, u cioe' qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna[70], Maria Camilleri, f'isimha u f'isem l-istess Alan Camilleri irrinunzjat ghall-wirt ta' Paul Camilleri[71].

Isegwi ghalhekk li t-talbiet tal-atturi ma jistghux jintlaqghu fil-konfront ta' Maria Camilleri *qua* kuratrici ta' binha inabilitat Alan Camilleri la kienet sehhet rinunzja ghan-nom tieghu tal-eredita' ta' Paul Camilleri qabel ma nbdiet din il-kawza.

Ghal din ir-raguni l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti ghandha tigi milqugha.

[68] Nota a fol 74
[69] Digriet tal-20 ta' Mejju 2008 a fol 72
[70] Fid-9 ta' Gunju 2008
[71] Nota a fol 74

**<u>It-tielet, ir-raba' u l-hames talba tal-atturi: likwidazzjoni u hlas ta' danni</u>**

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tillikwida d-danni subiti u dak dovut thoss li ghandha taghmel s-segwenti referenza minhabba l-komputazzjoni ta' l-istess, dan fil-konfront tad-diskrezzjoni minnha ulitizzata biex tasal ghal ammont meqjus ekwitattiv *arbitrio boni viri*. Inghad dwar hekk minn din il-Qorti diversament preseduta fid-decizzjoni fl-ismijiet **Margaret Camilleri et. vs The Cargo Handling Company Limited** deciza 13 ta' Ottubru, 2004,:

*'ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke fis-sistema ta' ligi taghna (ghandu) l-poter diskrezzjonali illi jilliwkida t-telf u l-qliegh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. .. Indiskutibilment il-gudikant ma jistax lanqas f'dawn il-kazi ma jipprexxindi mill-fatt illi l-parti istanti mhiex esonerata mid-dmir illi li tipprovdi dawk l-elementi probatorji u dak il-fattijiet li tkun taf bihom ghall iskop a' determinazzjoni ta' telf. Minn naha tieghu il-gudikant hu tenut jaghti piz debitu lil dawk l-elementi kollha tal-kaz konkret akkwisiti fil-process.'* [72]

Ghal dawk li huma danni l-atturi ressqu l-pretensjonijiet taghhom kif gej:

<u>Edward u Victoria konjugi Bugeja</u>

Il-perit espert fl-Inkjesta Magisterjali Richard Aquilina ta rendikont tax-xoghol li kien mehtieg fir-residenza ta' dawn l-atturi. L-istima totali tieghu kienet ta' €98,216 u tiffoka fuq xoghlijiet strutturali, u uhud mill-*finishings* bhal twahhil ta' madum, aperturi, elettriku u ilma. Huwa ddikjara li dan l-ammont ma jinkludix l-irham tat-tarag, kamra tal-banju, shower u w.c, poggaman tat-tarag, mobbli u hwejjeg.[73]

Imbaghad fir-rapport *ex parte* tal-Perit Samuel Formosa tal-15 ta' Marzu 2008[74] inghatat stima ta' spejjez li jkopru l-izvilupp mill-gdid tas-sit, liema stima

---

[72] Ara Appell Lorraine Camilleri vs Robert Camilleri: 29/01/2016

[73] Fol 441 sa 444 – pagni 10 sa 14 tar-rapport

[74] Fol 19 u 20

tinkludi xoghlijiet ta' kostruzzjoni u ta' tkomplija u xiri ta' ghamara bazika sabiex jerga' jingieb fi stat abitabbli. Il-perit iddikjara li l-ghamara u s-*soft furnishings* li originarjament kienu jinsabu fir-residenza ma kinux inkluzi f'din l-istima. It-total ta' din l-istima jammonta ghas-somma ta' €209,000 u cioe' €70,000 ghal xoghlijiet ta' kostruzzjoni, €80,000 ghal *finishings*, €40,000 ghal ghamara bazika u 10% kontingenza.

F'dawn il-proceduri, il-konjugi Bugeja pprezentaw kopja originali tal-ircevuti kollha ghall-ispejjez li huma ghamlu biex regghu bnew u mlew residenza mill-gdid[75]. It-total tal-ircevuti kif mahdum mill-Qorti huwa ta' **€95,202.28**. Tenut kont in-natura tal-oggetti/servizzi mhallsa f'dawn l-ircevuti kif ukoll il-perjodi li fihom saru dawn il-hlasijiet, il-Qorti taccetta l-veracita' ta' dawn l-ircevuti.

Il-Qorti tinnota li dawn l-atturi pprezentaw ukoll stima preparata minn irkantatur dwar il-valur ta' oggetti mobbli tal-antikwarjat li kienu jinsabu fir-residenza taghhom meta sehhet l-ispluzjoni, liema oggetti jew gew meqruda kompletament jew saritilhom hsara kbira[76]. Naturalment hadd ma jista' f'dan l-istadju jaghmel verifiki ulterjuri dwar dawn l-oggetti pero' ma nghatat ebda raguni valida li ghandha twassal lill-Qorti biex ma temminx li dawn l-oggetti kienu jinsabu fir-residenza ta' dawn l-atturi fil-mument tal-ispluzjoni tat-12 ta' Marzu 2008. Lanqas gie b'xi mod kontestat mill-konvenuti l-*quantum* tal-istima li *del resto* saret minn entita' ntiza fil-qasam tal-valutazzjonijiet ta' oggetti ghall-irkant. Il-Qorti ghalhekk taccetta l-veracita' u l-korrettezza ta' dan id-dokument u l-valuri kontenuti fih ghas-somma totali ta' **€15,240**.

Jirrizulta li l-konjugi Bugeja kellhom polza tal-assikurazzjoni[77] li minnha u bhala kumpens ghall-hsarat sofferti mill-ispluzjoni tat-12 ta' Marzu 2008 accettat u thallset is-somma ta' **€40,764.03** b'surroga ta' drittijiet a favur l-istess kumpanija assikuratrici fuq l-istess somma.

Barra minn hekk, l-Awtorita' tad-Djar approvat assistenza finanzjarja ta' €30,000 sabiex huma jergghu jibnu d-dar gebel u saqaf u s-somma ta' €47,000 sabiex tinxtara ghamara. Total ta' **€77,000** li kellhom jithallsu kontra ricevuti

[75] Dok VBB 1 a fol 347
[76] Fol 236
[77] Fol 234

fiskali u wara li l-perit tal-Awtorita' jivverifika li x-xoghol ikun sar[78]. Il-Qorti tinnota li l-konjugi Bugeja ma pprezentawx ricevuta tal-hlas finali li nghata minn din l-Awtorita' u ghalhekk, tenut anke kont tal-ispejjez li taghhom ipprezentaw l-ircevuti a fol 347, sejra tassumi li huma nghataw is-somma ta' €77,000 fl-intier taghha.

Tenut kont li t-total ta' spejjez ghall-bini u *finishing* tad-dar il-gdida kif ukoll il-valur ta' antikwarjati li kellhom fid-dar originali (€110,442.28) mitlubin mill-atturi fil-kawza odjerna huwa inqas mit-total ta' kumpens ta' €117,764.03 li l-istess atturi gew akkordati mill-Awtorita' tad-Djar u mill-kumpanija assikuratrici taghhom tqies li **ebda somma ma' hi f'dan l-istadju dovuta lilhom mill-konvenuta u mill-eredita' gjacenti ta' Paul Camilleri.**

<u>Carl u Victoria konjugi Vella</u>

Il-perit espert fl-Inkjesta Magisterjali kien ta' stima tax-xoghlijiet riparatorji mehtiega fil-fond proprjeta' ta' dawn l-atturi fis-somma ta' €2785[79].

Minn naha l-ohra l-istima peritali *ex parte* tal-hsarat subiti[80] tindika s-somma ta' €15,110.

Dawn l-atturi pprezentaw l-original tal-ircevuti tal-ispejjez li attwalment ghamlu u dan ghas-somma totali kif ta' **€7,532.41,** liema somma tenut kont tan-natura tal-oggetti/servizzi moghtija kif ukoll il-perjodi li fihom sari l-hlas ghalihom ghandhom jitqiesu bhala subiti b'rizultat dirett tal-incident in dezamina.

L-atturi jghidu wkoll li *"minbarra dawn l-ispejjez ahna sofrejna danni ohra bhala rizultat tal-isplujzjoni li jikkonsistu f'vertical blinds mahruqa ghal valur ta' circa sitt mitt Ewro (Ewro 600), zewg semi orthopaedic mattresses ghal valur kumplessiv ta' mija u erba' u sebghin Ewro (Ewro 174), purtieri mahruqa ghal valur ta' elf u mitejn Ewro (Eur1200), twapet ghal valur ta' seba' u*

[78] Fol 235
[79] Fol 457 u 458 – pagni 26 u 27 tar-rapport
[80] Fol 52

*erbghin Ewro (Ewro 47), zewg quilts tat-tfal, lozor u mhaded ghal valur komplessiv ta' mija u hamsin Ewro (Ewro 150). Ghalhekk bejn danni fuq l-immobbli stmati mill-Perit u valur ta' oggetti mobbli iddanneggjati mill-ispluzjoni, t-total huma ta' sbatax -il elf mitejn u wiehed u tmenin Ewro (Ewro 17,281). Irrid inzid li sofrejna wkoll danni lil ghamara fil-kamra tat-tfal li jehtieg li biex tigi msewwija jerga' jsir spraying taghha. L-istima ghad irrid nigborha minghand il-mastrudaxxa fil-granet li gejjin u li allura dawn l-ispejjez iridu jizdiedu 'l quddiem mal-valur ta' Ewro 17,281 li ghadni kif semmejt."*

Tenut kont l-entita' tal-hsarat kawzati f'din ir-residenza, huwa plawsibbli li dawn il-hsarat gew kawzati u anke jekk ma jidhirx li dawn gew rimpjazzati ghax ma giet prezentata ebda ricevuta fiskali relattiva ghalihom, il-Qorti tqis li *arbitrio boni viri* s-somma ta' **€1,000** ghal dan il-ghan ghandha tkun sufficjenti.

Dawn l-atturi jghidu wkoll fil-frattemp inghataw ghajnuna finanzjarja minghand il-Kunsill Lokali tan-Naxxar fl-ammont ta' **€860**[81]. Apparti din is-somma ma rcevew ebda ghajnuna finanzjarja ohra ghaliex huma ma kellhom ebda polza tal-assikurazzjoni.

Wara l-ispluzjoni tat-12 ta' Marzu 2008 huma marru jghixu gewwa Bugibba f'appartament li tieghu huma sidien ghax ma kinux f'qaghda finanzjarja biex jaghmlu t-tiswijiet necessarji fir-residenza tan-Naxxar.

Ghalhekk meta jitqies li dawn l-atturi hargu s-somma ta' €8,532.41 bhala spejjez izda rcevew €860 bhala kumpens mill-Kunsill Lokali, **huma ghandhom jithallsu s-somma ta' €7672.41 (sebat elef sitt mija u tnejn u sebghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu) minghand il-konvenuta u mill-eredita' gjacenti ta' Paul Camilleri.**

<u>Saviour u Josephine konjugi Agius</u>

[81] **Fol 164 – Dok VV1**

Il-perit espert fl-Inkjesta Magisterjali ta rendikont tax-xoghol strutturali li kien mehtieg fil-garaxx ta' dawn l-atturi li wassal ghal stima totali ta' €4,105[82].

Minn naha taghhom dawn l-atturi esebew stima peritali *ex parte* tal-hsarat li tammonta ghal €12,000[83], liema stima fi kliem il-perit ma tinkludix hsarat kawzati lill-oggetti personali u hija wahda provizorja stante l-possibilita' li aktar hsarat jigu nnutati wara tindif tal-post fi stadju ulterjuri.

Mar-rikors guramentat, dawn l-atturi esebew ukoll stima ta' xoghlijiet riparatorji ta' hadid u aluminium ghas-somma totali ta' €3078.50[84] u stima rigwardanti xoghlijiet ta' nstallazzjoni ta' elettriku u plumbing ghas-somma totali ta' €2073.92[85]. Izda eventwalment gew esibiti ricevuti fiskali li jkopru uhud mill-oggetti ndikati f'dawn l-istimi (ez. bieb tal-garaxx u nstallazzjoni tal-elettriku) u ghalhekk il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni aktar taghhom.

Giet prezentata stima maghmula mill-atturi stess tal-valur ta' diversi oggetti li huma qalu li gew danneggjati kawza tal-ispluzjoni ghas-somma ta' €7,000[86]. U fl-affidavit tieghu[87], Saviour Agius isemmi wkoll diversi boroz tal-plastik li kien izomm fil-garaxx u li gew distrutti ghal kollox, stima ta' liema tammonta ghal €1115.10. Meta tqis dan kollu l-Qorti *arbitrio boni viri* takkorda s-somma ta' **€7500** lil dawn l-atturi.

Mal-affidavit taghha, martu esebiet kopja ta' diversi ricevuti fiskali u stimi ohra:

1. €129.80 – kont ta' spejjez professjonali mhallsa lill-Perit Hector Zammit datat 17 ta' Marzu 2008[88];

2. €1312.21 – ricevuta ta' spejjez professjonali mhallsa ghal xoghlijiet ta' zarmar u rikostruzzjoni tal-hajt divizorju datata 20 ta' Jannar 2009[89];

[82] Fol 457 – pagna 26 tar-rapport
[83] Rapport tal-Perit Hector Zammit a fol 29
**[84] Fol 31**
**[85] Fol 32**
**[86] Fol 33 – ara wkoll l-affidavit ta' Saviour Agius a fol 175**
**[87] Ibid.**
**[88] Fol 185 – Dok JA2**

3. €500 – ricevuta ghal xoghol ta' kisi datata 20 ta' Marzu 2009[90];

4. € 170 – ricevuta ghal bieba tax-xibka datata 26 ta' Frar 2009[91];

5. €930 – ricevuta ghal bieb gdid tal-garaxx datata 27 ta' Jannar 2009[92];
6. €110 – ricevuta bla data ghal zewg skips[93];

7. €108.38 – ricevuta ta' servizzi professjonali datata 26 ta' Jannar 2009[94];

8. €645.93 – ricevuta ta' spejjez relatati ma' nstallazzjoni ta' elettriku datata 12 ta' Frar 2009[95].

Permezz ta' Nota a fol 347 tal-process dawn l-atturi pprezentaw ukoll l-original tal-ircevuti appena ndikati hlief ghal dik indikata bin-numru 1. Gew prezentati ukoll ricevuti ghal spejjez ohrajn godda u cioe':

Ricevuta ta' €265 minghand Handyman Centre Ltd datata 24 t'April 2008.

Zewg ricevuti ghat-total ta' €361 minghand J & S Ironmongery datati 27 ta' Frar 2009 u 27 ta' Marzu 2009.

Meta tikkunsidra s-suespost il-Qorti tqis li l-ircevuti ndikati minn numru 1 sa 8 u l-ircevuti l-ohra godda prezentati a fol 347 huma ben gustifikati (total **€4532.32**).

---

[89] **Fol 187 – Dok JA 4 (stima dettaljata ta' dawn l-ispejjez hija wkoll annessa a fol 186 – Dok JA 3)**
[90] **Fol 187 – Dok JA 5**
[91] **Fol 187 – Dok JA 6**
[92] **Fol 188 – Dok JA 7**
[93] **Fol 188 – Dok JA 8**
[94] **Fol 188 – Dok JA 9**
[95] **Fol 188 – Dok JA 10**

Minn naha l-ohra dawn l-atturi inghatatilhom is-somma ta' €3,745.10 bhala ghajnuna finanzjarja minghand l-Awtorita' tad-Djar sabiex isiru xoghlijiet ta' rrangar u titjib fil-garaxx dannegjat[96]; kif ukoll is-somma ta' €3,100 bhala ghajnuna finanzjarja minghand il-Kunsill Lokali tan-Naxxar[97].

Meta tqis ghalhekk li mis-somma totali dovuta lil dawn l-atturi u cioe' €12,032.32 u tnaqqas minnha s-somma ta' €6845.10 li rcevew minghand l-Awtorita' tad-Djar u l-Kunsill Lokali, il-Qorti takkordalhom **is-somma ta' €5187.22 (hamest elef mija u sebgha u tmenin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu) li ghandha tithallas mill-konvenuta u mill-eredita' gjacenti ta' Paul Camilleri.**

<u>Carmel u Bernerdette Bellia</u>

Il-perit espert imqabbad mill-Magistrat Inkwirenti ta stima tal-ispejjez mehtiega ghall-hatt tal-bini, rikostruzzjoni u xoghlijiet ohra mehtiega fil-proprjeta' ta' dawn l-atturi. L-ammont indikat minnu huwa dak ta' €72,545 liema ammont ma jinkludix l-irham u l-poggaman tat-tarag, mobbli, kamra tal-banju u hwejjeg [98].

Dawn l-atturi esebew ukoll rapport u stima imhejji mill-Perit Hector Zammit datat 17 ta' Marzu 2008[99]. F'dan ir-rapport il-perit jistma x-xoghlijiet rimedjali ghal €70,000, liema stima huwa jiddikjara li ma tinkludix il-hsara fil-karozzi, ghamara u effetti personali inkluzi *appliances*. Kienet ukoll stima provizorja u setghet tizdied fl-eventwalita' li jigu nnutati aktar hsarat wara t-tindif tal-post. Fl-opinjoni ta' dan il-perit, li kieku l-binja kellha titwaqqa' kompletament u tinbena mill-gdid din kienet tiswa' circa €75,000 u ghalhekk huwa kien tal-fehma li l-ahjar ghazla fic-cirkustanzi kienet proprju t-twaqqiegh u l-kostruzzjoni mill-gdid tad-dar u l-garaxx.

---

[96] **Ittra minghand l-Awtorita' tad-Djar datata 17 ta' Gunju 2009 a fol 189 – Dok AD 1**
[97] **Ittra minghand il-Kunsill Lokali a fol 190 – Dok AD 2**
[98] Fol 451 sa 457 – pagna 20 sa 26 tar-rapport
[99] Fol 34 et seq

Jirrizulta wkoll li eventwalent din il-familja gabet stima ohra ghar-rikostruzzjoni tar-residenza taghhom minghand il-Perit Arthur Apap datata 4 ta' Gunju 2008 ghas-somma ta' €175,159[100].

Din il-koppja ghamlet elenku tad-diversi spejjez li nkorriet u esebiet numru sostanzjali ta'fotokopji ta' ricevuti:

1. Kirja ta' fond alternattiv gewwa n-Naxxar ghal perjodu bejn l-20 ta' Marzu 2008 sal-20 t'Awissu 2009[101] bir-rata ta' €396 fix-xahar ghat-total ta' €6732. L-attur Bellia jghid fl-affidavit tieghu li €5,922 minnhom thallsu mill-Awtorita' tad-Djar u ghalhekk effettivament huma hargu s-somma ta' €810 bhala kera[102].

2. Ma dawn l-atturi jindikaw hlas ta' €159.39 ghad-dawl u l-ilma f'dan l-istess perjodu.

3. Prospett tad-danni subiti minnha[103] konsistenti fis-somma ta' €4,918 ghal xoghlijiet li l-istess Carmel Bellia ghamel hu fid-dar, liema xoghol huwa jghid li biex ghamlu tilef xoghol iehor ghal terzi; €4351 ghal stima ta' oggetti li kienu jinsabu fil-garaxx fil-mument tal-ispluzjoni; u hlasijiet ghal spejjez ohra li fit-total taghhom jammontaw ghal €140,315;

4. Kont datat 17 ta' Marzu 2008 ghal spejjez professjonali mahrug mill-perit Hector Zammit ghas-somma ta' €259.60 li gie mhallas fid-9 t'April 2008[104];

5. Fotokopji ta' ricevuti ohra[105].

[100] Fol 277 sa 279 – Dok CB 1
[101] Ricevuti esibiti minn fol 292 sa fol 299
[102] Fol 275
[103] Fol 287 et seq
[104] Fol 300 **(kopja ohra taghha tinsab a fol 124)**
[105] Fol 301 sa Fol 324

Eventwalment, dawn l-atturi esebew l-original tal-ircevuti tal-ispejjez li huma ghamlu. Tnehhi xi cifri ta' stimi li gew ukoll prezentati, it-total ta' dawn l-ircevuti huwa ta' €79,005.72.

Minn dan kollu l-Qorti tqis li:

1. Ghalkemm ma gewx prezentati l-original tal-ircevuti tal-kirja alternattiva, l-Qorti hija sodisfatta li dawn l-ispejjez gew inkorsi, u s-somma ta' **€6732** ghal dan il-ghan hija misthoqqa;

2. L-atturi ma pprezentaw ebda ricevuta ghal hlasijiet ta' dawl u ilma f'dan il-perjodu izda l-Qorti tifhem li hlasijiet saru u ghalhekk *arbitrio boni viri* tqis li s-somma ta' **€100** ghal dan il-ghan hija gustifikata;

3. Dwar valur ta' xoghlijiet li saru minn Carmel Bellia u stima ta' oggetti li din il-familja tghid li kellha fil-mument tal-ispluzjoni, l-Qorti tqis li din it-talba hija gustifikata pero' sal-ammont totali ffissat *arbitrio boni viri* ta' **€8,000**;

4. Wara li rat l-original tal-ircevuti tal-ispejjez esibiti minn dawn l-atturi l-Qorti tqis li s-somma totali ta' **€79,005.72** ta' dawn l-ircevuti hija gustifikata.

**Total: €93,837.72**

Bis-sahha ta' ftehim milhuq mal-Awtorita' tad-Djar datat 3 ta' Dicembru 2008[106] huma gew allokati sa massimu ta' €40,000 ghal kostruzzjoni tar-residenza taghhom u ghal xoghlijiet fl-istess proprjeta'. Fl-affidavit tieghu Carmel Bellia jikkonferma li din is-somma nghatatilhom fl-intier taghha[107].

---

[106] Fol 280
[107] Fol 276

Fit-28 ta' Marzu 2008 huma rcevew ukoll is-somma ta' €93,000 minghand il-kumpanija assikurattiva taghhom [108].

Kemm l-Awtorita' tad-Djar kif ukoll il-Kumpanija assikurattiva gew surrogati fid-drittijiet tal-atturi ghal dawn l-ammonti.

**Total: €133,000**

**Fid-dawl tas-suespost, ebda ammont ma huwa dovut lil dawn l-atturi mill-konvenuta u mill-eredita' gjacenti ta' Paul Camilleri.**

**Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi kollha u tiddikjara illi l-mejjet Paul Camilleri huwa responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-istess atturi, liema danni sehhew bhala rizultat ta` immanifatturar illegali u abbuziv ta` loghob tan-nar u/jew splussiv iehor, mid-defunt Paul Camilleri;**

2. **Tilqa' t-tieni talba tal-atturi kollha u tiddikjara illi Maria Camilleri proprio hija wkoll responsabbli solidalment mad-defunt zewgha, meta xjentement u bin-negligenza taghha ikkontribwiet ghal hsara li garrbu l-atturi Mario u Isabelle Sultana b'dan illi halliet li jinzamm u/jew jinhadem materjal esplosiv fil-garage adjacenti mar-residenza privata taghha;**

3. **Tilqa' t-tielet, ir-raba' u l-hames talba tal-atturi Carl u Victoria konjugi Vella u tillikwida favurihom is-somma ta' €7672.41 (sebat elef sitt mija u tnejn u sebghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu) u tordna l-hlas tal-istess somma mill-konvenuta Maria Camilleri u mill-eredita' gjacenti ta' Paul Camilleri solidalment bejniethom;**

[108] Fol 284

4. **Tilqa' t-tielet, ir-raba' u l-hames talba tal-atturi Saviour u Josephine konjugi Agius u tillikwida favurihom is-somma ta' €5187.22 (hamest elef mija u sebgha u tmenin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu) u tordna l-hlas tal-istess somma mill-konvenuta Maria Camilleri u mill-eredita' gjacenti ta' Paul Camilleri solidalment bejniethom;**

5. **Tichad t-tielet, ir-raba' u l-hames talba tal-atturi Edward u Victoria konjugi Bugeja ghar-ragunijiet indikati f'din is-sentenza;**

6. **Tichad t-tielet, ir-raba' u l-hames talba tal-atturi Charles sive Carmel u Bernadette konjugi Bellia ghar-ragunijiet indikati f'din is-sentenza;**

7. **Tilqa' biss l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tichad il-bqija.**

**L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu a karigu tal-konvenuta Maria Camilleri u tal-eredita' gjacenti ta' Paul Camilleri solidalment bejniethom hlief ghall-ispejjez tal-atturi Edward u Victoria konjugi Bugeja u Charles sive Carmel u Bernadette konjugi Bellia li ghandhom ibatu l-ispejjez rispettivi taghhom.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**John Muscat**
**Dep. Reg.**